Vol 46
Nru 230
Ottubru - Diċembru 2025

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2025

comalt@ofm.org.mt
Qoxra Quddiem:
*L-Għar tan-Nativitā Betleħem*
*© Noel Muscat OFM*

# Werrej


6


12


18

22




| | |
|---|---|
| *6* | **Il-Knisja Ortodossa ta' San Gabrijel, Nazaret** |
| *12* | **L-Apokalissi (9)** |
| *18* | **Is-Sejħa tal-Profeta Isaija** |
| *22* | **Storja tal-Poplu Magħżul (4)** |
| *34* | **It-Titlu ta' "Bin Il-Bniedem" fl-Evanġelju Skont San Ġwann** |
| *41* | **Malta u l-Maltin fir-Reġistri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa it-Tielet Parti** |




34

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## PAĊI U BIDU ĠDID?

Fid-9 ta' Ottubru, wara li smajna li sar ftehim għall-waqfien mill-ġlied fil-gwerra li ilha sejra f'dawn l-aħħar sentejn f'Gaża, il-Patrijarka ta' Ġerusalemm tal-Latini, il-Kardinal Pierbattista Pizzaballa OFM, ħareġ stqarrija li fiha jingħad:

"Il-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm jilqa' bil-ferħ it-tħabbira tal-ftehim biex jieqaf il-ġlied u l-attakki fl-iStrixxa ta' Gaża u l-ħelsien immedjat tal-ostaġġi u l-ħelsien tal-priġunieri Palestinjani. Il-Patrijarkat jittama li dan il-ftehim jiġi mwettaq b'mod sħiħ u bil-fedeltà, biex dan jimmarka l-bidu tat-tmiem ta' din il-gwerra terribbli. Jinsisti wkoll dwar l-urġenza assoluta ta' għajnuna umanitarja u d-dħul bla kundizzjonijiet tal-provvisti meħtieġa għall-popolazzjoni ta' Gaża li tbati. Fuq kollox, il-Patrijarka jitlob li dan il-pass jista' jiftaħ it-triq tal-fejqan u rikonċiljazzjoni kemm għall-Palestinjani kif ukoll għall-Israeljani."

Il-Patrijarka qal ukoll: "Din hi aħbar tajba, u aħna ferħanin. Hi l-ewwel pass, l-ewwel fażi. Naturalment, għad hemm ħafna passi oħrajn u ċertament se jkun hemm ħafna ostakli oħrajn. Imma għalissa rridu nifirħu dwar dan il-pass importanti li se jsib ftit aktar fiduċja għall-ġejjieni, l-aktar għan-nies, kemm Israeljani kif ukoll Palestinjani. Issa fl-aħħar qed naraw xi ħaġa ġdida u differenti. Ċert, se jkun hemm atmosfera ġdida biex jitkomplew in-negozjati, u

għal dawk kollha li jgħixu f'Gaża l-ħajja se tibqa' terribbli għal żmien twil. Imma issa aħna ferħanin u nittamaw li dan mhux biss il-bidu ta' fażi li fiha, bil-mod il-mod, irridu nibdew naħsbu mhux fuq il-gwerra, imma fuq kif se nerġgħu nibnu wara l-gwerra."

Fil-mument li fih qed nikteb dan l-editorjal ninsabu lkoll mimlijin tama li tassew jista' jkun hemm bidu ġdid għall-popli li jgħixu fl-Art Imqaddsa. Ma nafux għada x'se jiġri. Fil-fatt, tant qed isir bdil mgħaġġel li x'aktarx li meta dan l-editorjal jasal f'idejn il-qarrejja ta' din ir-rivista jkun jidher diġà barra mill-attwalità tiegħu. Ħaġa waħda hi żgura, li s-sitwazzjoni fl-Art Imqaddsa mhix se tkompli tkun bħal dik li konna mdorrija naraw.

Il-waqfien mill-ġlied mhux neċessarjament garanzija tal-paċi. Il-waqfien mill-ġlied iseħħ meta pajjiżi li jkunu fi gwerra jqumu filgħodu u jiddeċiedu li jieqfu jisparaw fuq xulxin. Dan forsi għax ikunu għejew jiġġieldu, jew għax ikun jaqbel li jagħmlu hekk. Imma li jkun hemm paċi hu proċess ħafna aktar diffiċli u kumplikat. Għax il-paċi ma tinbeniex bi ftehim mil-lum għal għada. Il-paċi



*Mexxejja Kristjani fir-raħal Kristjan Palestinjan ta' Taybeh © vaticannews.va*

hi proċess twil u diffiċli. Il-paċi titlob konverżjoni sinċiera tal-imħuħ u tal-qlub. Il-paċi tiġi mir-rikonoxximent umli li hi frott tal-ġustizzja. L-ebda gwerra li fiha xi ħadd jgħid li jirbaħ ma tista' twassal għall-ġustizzja. Fil-fatt ma teżistix gwerra li hi ġusta.

Il-kapijiet tan-nazzjonijiet jidhru dejjem bħala dawk li jġibu l-paċi bin-negozjati, jew agħar, billi jarmaw ruħhom sa snienhom ħalli l-għedewwa tagħhom jibżgħu minnhom u hekk iżommu l-"paċi". Rajna b'għajnejna l-arroganza ta' mexxejja politiċi li jiftaħru li huma bennejja tal-paċi u li bil-ħila tagħhom iwaqqfu l-gwerer. Din l-arroganza hi frott il-gideb djaboliku ta' dawk li jaħsbu li se jsalvaw id-dinja bir-rettorika tagħhom. Paċi ta' dan it-tip tinbena biss fuq il-biża' u fuq il-qawwa ta' min jiflaħ l-iżjed ikun b'saħħtu.

Ma nafux kif se tkun il-paċi li se naraw fl-Art Imqaddsa, jekk qatt nistgħu nsejħulha paċi. Imma hu importanti li nagħtu sinjal ta' tama. Aħna l-insara rridu nuru solidarjetà ma' ħafna persuni li jgħixu fl-Art Imqaddsa li mhumiex favur is-sitwazzjoni attwali u li jridu li jkun hemm paċi vera u dejjiema. Iridu li jkun hemm tolleranza u rispett bejn il-popli li jgħixu fl-Art Imqaddsa. Dan ikun possibbli meta ma jkunx hemm aktar terroristi u estremisti li jridu l-qerda tal-iStat ta' Israel. Ikun possibbli meta ma jkunx hemm aktar estremisti li jridu jkeċċu lill-Palestinjani minn djarhom u artijiethom u jisirquhomlhom. Ikun possibbli meta l-komunità internazzjonali tiggarantixxi li jkun hemm żewġ stati sovrani fl-Art Imqaddsa li jgħixu żguri

fil-fruntieri tagħhom u jgħożżu d-demokrazija, il-libertà ta' moviment u l-libertà etnika u reliġjuża. Fost dawn il-persuni hemm Lhud, Musulmani u Kristjani. Huma nies li juru li ma għandux ikun hemm firdiet minħabba reliġjon, u li kull persuna għandha dritt li tgawdi minn sigurtà fl-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħha.

Hu importanti li aħna nuru solidarjetà ma' dawn il-persuni ta' rieda tajba. Nagħmlu hekk billi nagħmlu kuraġġ li nippruvaw ngħinuhom anke billi nżuru l-Art Imqaddsa bħala pellegrini tat-tama. Wasal iż-żmien li nuru li aħna għandna messaġġ ta' tama fost il-kruha tal-gwerra u l-mibegħda. Quddiem xena li dejjem tinbidel ejjew nibqgħu sħaħ fil-fehma li l-Art Imqaddsa trid tkun ukoll art Kristjana, art li fiha l-Kristjani jinsabu hemm biex jibqgħu jgħixu kif ilhom jgħixu fiha sa mill-bidunett tal-Knisja. L-atteġġjament umli u ħlejju ta' min jaffronta l-armi tal-gwerra bit-tbissima tal-paċi hu l-uniku mezz biex iżarma l-mibegħda.

Quddiem din id-dehra ta' futur inċert imma mimli tama, ejjew ngħixu dan il-Milied li fih nikkonkludu din is-sena ġubilari tat-tama b'dan l-ispirtu ta' fidi, bix-xewqa li, minkejja kollox, it-toroq tal-Art Imqaddsa jerġgħu jimtlew bir-riġlejn tal-pellegrini li jħabbru s-sena tal-ħelsien tal-Mulej lill-poplu tiegħu. Minn issa nawguralkom Milied qaddis bil-paċi li l-anġli xandru f'Betleħem u b'dik li biha nsejħu l-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm – Yerushalayim.






*Daħla għall-Kripta tan-nixxiegħa. © Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich*

# IL-KNISJA ORTODOSSA TA' SAN GABRIJEL, NAZARET

*Noel Muscat ofm*

Nazaret hi magħrufa minn kulħadd bħala r-raħal evanġeliku li fih il-Verġni Marija rċeviet it-tħabbira tal-Arkanġlu Gabrijel u bl-ubbidjenza tal-fidi tagħha tat bidu għall-misteru tal-Inkarnazzjoni. Din il-ġrajja hi mfakkra fis-Santwarju tal-Annunċjazzjoni ta' Nazaret, li hu wieħed mis-Santwarji ewlenin tal-Art Imqaddsa. Imma, barra minn dan il-post qaddis li jfakkar il-ġrajja evanġelika, l-Insara jqimu wkoll Santwarju ieħor li jfakkar l-Annunċjazzjoni tal-Verġni Marija mill-Arkanġlu Gabrijel, jiġifieri l-Knisja Griega Ortodossa ta' San Gabrijel mibnija fuq l-għajn antika tar-raħal ta' Nazaret. Din it-tifkira ma nsibuhiex fl-Evanġelji kanoniċi, imma f'kitba Apokrifa li tissejjaħ il-Protovanġelu ta' Ġakbu. Din hi kitba bil-Grieg li hi datata għall-ħabta tas-snin 140-170. Fiha diversi rakkonti dwar it-tfulija ta' Ġesù u tal-Verġni Marija, li toħloqhom wara li tikkunsidra l-fatti li jiġu rakkontati fl-Evanġelji tat-tfulija ta' Ġesù (Mattew 1-2 u Luqa 1-2). Fuq kollox l-iskop ta' din il-kitba Apokrifa hu dak li tiddefendi l-verġinità ta' Marija. L-awtur hu indikat bħala Ġakbu "l-ġust", jew Ġakbu "ħu l-Mulej", li sofra l-martirju f'Ġerusalemm fis-sena 62, imma dan hu biss każ ta' attribuzzjoni lil persunaġġ b'awtorità apostolika. Hawnhekk mhux se niddiskutu l-valur storiku ta' din il-kitba Apokrifa li, wara kollox, ma nistgħux niċħdu l-awtentiċità tagħha. L-iskop tagħna hu sempliċement li naraw dak li dan l-Evanġelju Apokrifu jgħid dwar l-Annunċjazzjoni ta' Marija, biex imbagħad nitkellmu mill-Knisja ta' San Gabrijel f'Nazaret li tħares din it-tifkira għażiża, l-aktar fis-sensibilità tal-Knisja Ortodossa.

## Ir-rakkont tal-Annunċjazzjoni fil-Protovanġelu ta' Ġakbu

"Saret laqgħa bejn is-saċerdoti, u dawn qalu: «Ejjew nagħmlu tinda għat-tempju tal-Mulej.» Il-qassis il-kbir qal: «Sejħuli xi verġni bla tebgħa mit-tribù ta' David.» Il-qaddejja marru, fittxew, u sabu seba' verġni. Il-qassis il-kbir ftakar fit-tfajla Marija, billi hi kienet mit-tribù ta' David u kienet bla tebgħa quddiem Alla. Il-qaddejja marru u ġabuha. Imbagħad daħħluha fit-tempju tal-Mulej u l-qassis qal: «Tellgħu bix-xorti lil dawk li jridu jinsġu bid-deheb, bl-asbest, bil-bisus, bl-għażel, bil-ġjaċint, bl-iskarlatt u bil-porpra ġenwina.» Lil Marija messitha l-porpra ġenwina u l-iskarlatt: hi ħadithom u marret lura lejn darha. F'dak iż-żmien il-qassis Żakkarija sar mutu: sakemm Żakkarija reġa' beda jitkellem, postu ittieħed minn Samwel. Marija ħadet l-iskarlatt u marret tinseġ.

"[Marija] ħadet il-buqar u ħarġet biex timla l-ilma. U ara semgħet leħen jgħidilha: «Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa.» Hi ħarset madwarha lejn il-lemin u lejn ix-xellug, biex tara minn fejn kien ġej dak il-leħen. Kollha mriegħda marret lura d-dar, poġġiet il-buqar f'postu, u ħadet f'idejha l-porpra u qagħdet bilqiegħda fuq banketta u bdiet tinseġ. U ara anġlu tal-Mulej deher quddiemha u qalilha: «Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem is-Sid ta' kollox, u inti se tnissel fuq il-kelma tiegħu.» Imma hi, malli semgħet dawn il-kelmiet, baqgħet imħawda u ħosbiena: «Jiena għandi nnissel bil-ħidma tal-Mulej Alla ħaj, u mbagħad inwelled kif twelled kull mara?» L-anġlu tal-Mulej qalilha: «Mhux hekk, Marija! Tabilħaqq, il-qawwa tal-Mulej tgħattik bid-dell tagħha. Għalhekk il-qaddis li jitwieled minnek ikun jissejjaħ Bin l-aktar Għoli. Inti tagħtih l-isem Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom.» Marija wieġbet: «Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej li ninsab quddiemu. Ħa jkun minni dak li tgħidli l-kelma tiegħek.»" (*Protovanġelu ta' Ġakbu*, kapitli 10 – 11).

Dan ir-rakkont bena tradizzjonijiet ġewwa Nazaret li ma kinux jiddependu biss mill-

Evanġelji kanoniċi, imma wkoll minn kitbiet oħrajn Apokrifi, bħalma kien il-Protovanġelu ta' Ġakbu. Dan jinsisti li Marija semgħet l-ewwel messaġġ tal-anġlu meta marret timla l-ilma mill-għajn tar-raħal. Kitba oħra Apokrifa msejħa l-Evanġelju ta' Tumas tirrakkonta kif, meta kellu sitt snin, it-tfajjel Ġesù intbagħat minn ommu Marija biex iġib l-ilma mill-għajn, u waqqa' l-buqar li nkiser, imma rnexxielu jġib l-ilma xorta waħda fil-mantar tiegħu. Tradizzjonijiet bħal dawn huma riflessi fil-postijiet qaddisa ta' Nazaret, l-aktar fiż-żona tal-għajn tar-raħal, li tissejjaħ appuntu *Għajn Sitti Marjâm*, jew l-*Għajn tal-Verġni Marija*. Hu f'dan il-post li nsibu l-Knisja Griega Ortodossa ddedikata lill-Arkanġlu San Gabrijel.

## L-Għajn tal-Verġni Marija

L-Għajn ta' Nazaret, li għadha tnixxi sal-lum, toħroġ mill-ilmijiet ta' Ġebel as-Sikh, li malli jnixxu jgħaddu minn mina fil-blat għal distanza ta' madwar 17-il metru biex imbagħad joħorġu fin-nixxiegħa żgħira li llum hi nkluża f'kappella li tinsab f'livell aktar fil-baxx mal-ġenb tal-Knisja ta' San Gabrijel. Minn hemmhekk l-ilma jerġa' jidħol taħt l-art għal distanza ta' madwar 130 metru biex imbagħad joħroġ fil-funtana pubblika li tissejjaħ l-Għajn ta' Marija. Ma nafux meta dan il-ilma ġie inkanalat, imma jidher li dan ix-xogħol sar qabel is-seklu 12, mela fl-epoka Kruċjata.

Ir-rakkonti tal-pellegrini tal-Medjuevu ma jsemmux li f'dan il-post kien hemm knisja, u jitkellmu biss min-nixxiegħa. L-eqdem rakkont hu tal-pellegrin Saewulf (1102), li jgħid: "Maġenb ir-raħal hemm fawwara ta' ilma ċar, li hu magħluq mad-dawra kollha, kif kien mill-qedem, permezz ta' kolonni tar-rħam; kien hawnhekk li t-tfajjel Ġesù, bħat-tfal subien ta' mparu, kien spiss jiġi biex jimla l-ilma lil ommu."

Xhieda oħrajn tal-eżistenza tan-nixxiegħa huma Pietru d-Djaknu (1137), id-*Descriptio Locorum* (1131-1143), Johannes von Würzburg (1160-1165), Teodoriku (1169-1172). Dan tal-aħħar mhux biss jirrakkonta l-istorja tal-buqar imkisser, imma jżid li l-ilma kien inixxi minn ras iljun li kien imnaqqax fir-rħam.

## Il-knisja fuq l-għajn

Għalkemm il-pellegrini tal-punent fl-epoka Kruċjata ma jsemmux li f'dan il-post kien hemm knisja, hemm rakkont minn pellegrin Ortodoss, jiġifieri l-Abati Russu Danjel (1106-1108) li jsemmi li hawnhekk kien hawn knisja assoċjata mal-misteru tal-Annunċjazzjoni:

"Imbagħad ħallejna dan ir-raħal u morna kemmxejn lejn il-grigal fejn sibna bir mill-isbaħ li kien fond u kellu ilma kiesaħ ħafna. Biex tasal għal dan l-ilma trid tinżel permezz ta' turġien. Fuq dan il-bir hemm knisja ddedikata lill-Arkanġlu Gabrijel. Din hi knisja tonda. Hemm distanza akbar minn tefgħa ta' ġebla bejn ir-raħal ta' Nazaret u dan il-bir. Kien fuq din l-għajn li seħħet l-ewwel Annunċjazzjoni tal-Arkanġlu lill-Omm qaddisa ta' Alla."

L-arkeologu Franġiskan Bellarmino Bagatti kien isostni li jista' jkun li din il-knisja kienet il-fdal ta' binja Biżantina, li forsi kienet imġarrfa. Fil-fatt hemm xhieda li hawnhekk kien hawn knisja Biżantina minn plakka tal-fuħħar li hi mħarsa Monza, u li turi l-Annunċjazzjoni, bil-kelmiet bil-Grieg li jgħidu: «Eulogia tal-Blata tal-Ilma ta' Omm Alla.» Jista' jkun li din kienet il-knisja fuq għajn li jitkellem dwarha l-pellegrin Arculf madwar is-sena 670, ftit wara t-tmiem tal-era Biżantina fl-Art Imqaddsa.

Hu żgur li fis-sena 1185 kien hemm knisja fuq l-Għajn, jekk noqogħdu għax-xhieda li jagħti l-pellegrin Grieg Ġwann Phocas, li meta kien riesaq lejn Nazaret mid-direzzjoni ta' Saffuriya (Sephoris), jikteb: "Malli tidħol mill-ewwel bieb ta'

dan ir-raħal kbir, inti ssib il-knisja tal-Arkanġlu Gabrijel. Hemmhekk issib għar żgħir fuq ix-xellug tal-altar f'din il-knisja, li fih tnixxi għajn ta' ilma, li tilma f'nixxiegħa ta' ilma trasparenti."

## Il-Knisja ta' San Gabrijel

Jidher li t-tradizzjoni ta' knisja fuq l-Għajn ta' Marija hi orjentali. Madankollu hemm xhieda li, fi żmien il-Kruċjati, kien jeżisti Prijorat ta' San Gabrijel f'Nazaret fl-ewwel kwart tas-seklu 12. Fl-1109 Guglielmo, Prijur ta' San Gabrijel, jissemma f'dokument, u jiġi ndikat li wara kien ukoll sar Prijur ta' Santa Marija, jiġifieri s-Santwarju tal-Annunċjazzjoni, li fl-era Kruċjata kien il-Kattidral ta' Nazaret. Dan kien qrib is-sena 1121, u wara din id-data San Gabrijel ma jissemmiex aktar bħala prijorat.

Tul is-seklu 13 diversi pellegrini oċċidentali jsemmu l-Għajn ta' Marija u jsejħulha wkoll l-Għajn ta' San Gabrijel, imma ma jsemmux li hemmhekk kien hemm xi knisja. Id-Dumnikan Burchard, li żar Nazaret madwar l-1283, jikteb hekk: "Hemm ukoll f'tarf ir-raħal il-knisja ta' San Gabrijel li fiha nixxiegħa, u din tinżamm b'devozzjoni min-nies tal-post. Minn din il-għajn jingħad li t-Tfajjel Ġesù kien jiġi biex jimla l-ilma."


*In-nixxiegħa tal-Verġni Marija.*
*© Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich*

Ludolph ta' Sudheim (1336-1341) jikteb li hemmhekk hemm għajn pubblika, u jidher ċar minn dawn ix-xhieda li l-knisja kienet hemm u li kienet knisja Ortodossa. Ir-Russu Grethenios jgħid li l-għajn kienet mgħottija minn volta kwadra li kienet imwieżna minn erba' kolonni. Francesco Suriano (1485) jiddiskreviha bħala vaska li kellha d-dimensjoni ta' 10 metri kwadri, li kienet mgħottija u li wieħed kien jinżel fiha permezz ta' sittax-il targa. Francesco Quaresmi fl-1626 isejħilha l-Għajn ta' Ġesù u ta' Marija.

Pellegrini oħrajn mill-punent, bħal Giacomo da Verona, li marru wara l-epoka Kruċjata jiddeskrivu din l-għajn. Dan tal-aħħar jgħid li ra l-knisja sabiħa tal-Imqaddes Arkanġlu San Gabrijel, imma li kienet parzjalment meqruda. Magħha jsemmi wkoll l-għajn li fiha kienet tmur il-Verġni Marija u li minnha

t-tfajjel Ġesù kien jimla l-ilma.

Il-Franġiskan Niccolò da Poggibonsi, fil-*Libro d'Oltremare* (1346-1350) jikteb: "Meta ħriġna minn dik il-knisja (tal-Annunċjazzjoni), imxejna lejn il-lemin, u hemm balavostra li fiha nixxiegħa sabiħa msejħa ta' San Gabrijel; hemmhekk kienet tmur il-Verġni Marija biex timla l-ilma. L-Insara li jgħixu f'dawk l-inħawi jgħidu li, darba minnhom, meta l-Verġni Marija marret biex timla l-ilma, dehrilha l-anġlu; il-Verġni Marija, mimlija bil-biża', ħalliet hemmhekk il-buqar bl-ilma, u marret lura d-dar mingħajr l-ilma, u issakkret ġewwa minħabba l-biża', u ntasbet titlob f'riġlejn dik il-kolonna; u l-anġlu f'dak il-ħin reġa' daħal, u sellmilha, u qalilha: *Ave gratia plena, Dominus tecum*. Mal-ġenb ta' dik l-għajn hemm monasteru sabiħ, li hu magħruf bħala ta' San Gabrijel, u dan jgħixu fih l-Indjani tal-Persja, li jissejħu *Alaphysi*. Kien f'dik il-għajn li Kristu kien soltu jiġi biex jimla l-ilma, meta kien imur jgħin lil ommu Marija. Hemm indulġenza ta' 7 snin (Fra Niccolò da Poggibonsi, *Libro d'Oltremare (1346-1350). Testo di* A. Bacchi della Lega *riveduto e riannotato dal* Padre B. Bagatti OFM, Francsican Printing Press, Jerusalem 1996, 75).

Ma nafux eżattament għal liema komunità Kristjana jirreferi Niccolò da Poggibonsi, meta jitkellem dwar il-monasteru ta' San Gabrijel, jekk kinux Nestorjani jew Etjopiċi. Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa Bonifacio di Ragusa (Dubrovnik), li kien fl-Art Imqaddsa bejn l-1551 u l-1564, isemmi wkoll nies barranin li kienu jitolbu f'dan il-post u jiċċelebraw ir-riti tagħhom fil-Knisja ta' San Gabrijel. Imma hemm ukoll kitbiet wara l-1563 li jixhdu li din il-knisja kienet tinsab meqruda, u li kien hemm ukoll fdalijiet ta' monasteru orjentali.

Il-Franġiskan Francesco Quaresmi, *Terræ Sanctæ Elucidatio* (1626) jagħtina din id-deskrizzjoni dettaljata tal-Knisja ta' San Gabrijel: "Inżilna ftit tarġiet lejn kappella taħt l-art iddedikata lill-Arkanġlu San Gabrijel, il-ħabbâr tal-Verġni Marija. Hi twila 24-il driegħ (4.8 metri), wiesgħa 14-il driegħ (2.8 metri) u għolja 15-il driegħ (3 metri). Fin-nofs, lejn il-lvant, hemm altar li fuqu tiġi ċċelebrata l-Quddiesa. Hemm diversi ikoni fuqu, imma dawn issa huma għoddhom meqruda mill-umdità u mir-rieda ħażina tal-infidili. Ġewwanett fil-kappella hemm il-bokka tan-nixxiegħa, li minnha joħroġ l-ilma. Hemm ukoll taraġ u bieb li minnu, fl-imgħoddi, wieħed kien jitla' lejn kunvent ta' sorijiet li, kif issostni t-tradizzjoni, kien jinsab fuqha. Illum iżda ma fadal xejn minn dan kollu; u wieħed lanqas isib il-knisja mingħajr xi ħadd li jurih fejn hi, billi hi ma tidhirx minn fuq għax is-saqaf tagħha hu livell mal-paviment ta' barra. Il-Griegi xi mindaqqiet jiċċelebraw l-uffiċċji tagħhom f'din il-kappella."

Fl-1741 il-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm akkwista *firman* mill-awtoritajiet Torok Ottomani fil-persuna tas-gvernatur tal-Palestina Zahir al-Umar, li awtorizza lill-Griegi Ortodossi biex jieħdu f'idejhom il-Knisja ta' San Gabrijel, li kienu jamministrawha l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa u l-Griegi Kattoliċi. Fl-1750 huma bnew il-knisja li naraw illum, iddedikata lill-Arkanġlu Gabrijel, li fix-xaqliba tan-nofsinhar tagħha hemm il-kripta li fiha hemm in-nixxiegħa qaddisa tal-Verġni Marija, u li tinsab eżattament fuq fejn kienet teżisti l-knisja medjevali li kienet iġġarfet. Fl-1767 sar l-ikonostasi sabiħ fl-injam skolpit. Il-Knisja ta' San Gabrijel illum hi l-parroċċa tal-Insara Griegi Ortodossi ta' Nazaret.

## Deskrizzjoni tal-Knisja ta' San Gabrijel

Il-Knisja Griega Ortodossa ta' San Gabrijel tinsab xi 650

metru lejn it-tramuntana tal-Bażilika tal-Annunċjazzjoni ta' Nazaret, maġenb it-triq li tieħu lejn Sephoris, u xi 130 metru 'il ġewwa mill-għajn pubblika magħrufa bħala l-Għajn jew Bir ta' Marija. Il-kappella kripta medjevali li fiha tnixxi l-għajn tinsab fuq it-tramuntana tal-knisja, u tinżel fiha b'7 tarġiet. Hi madwar 10 metri twila, 3.3 metru wiesgħa u 3.5 metru għolja u għandha saqaf troll. Fil-fond tal-kripta wieħed jista' jħares 'l isfel lejn in-nixxiegħa inkanalata li tidher tisbokka mill-blat taħt altar u abside nofs tond. Mal-ġenb tal-lvant jidher bieb imbarrat bil-ġebel, li x'aktarx jirreferi għat-taraġ li jsemmi Quaresmi. Fuq il-ħajt tal-lvant tal-kripta hemm qisha niċċa fil-volta troll. Bagatti jissuġġerixxi li din tista' timmarka l-post li fih Quaresmi jgħid li kien hemm l-altar fil-knisja medjevali. Imma meta nbniet il-knisja li naraw illum fl-1750, iż-żewġ ħitan tal-kripta ġew imżejna b'arkati baxxi li fihom slaleb fuq madum kwadru mimlijin b'disinji ġeometriċi ta' rħam ikkulurit u terrakotta tleqq. Din il-kripta tidher li evidentement kienet il-għar li kien jagħlaq in-nixxiegħa u li ra b'għajnejh Ġwann Phocas fl-1185, imma l-fdalijiet oħrajn medjevali huma kollha mgħottijin bil-binjiet tas-snin ta' wara.

Il-Knisja ta' San Gabrijel turi struttura tipika ta' knisja Ortodossa, bi tliet navati u koppli. Hi miksija pitturi u ikoni. L-aktar parti sabiħa u rikka hi l-ikonostasi prinċipali li tifred is-santwarju mill-kumplament tal-knisja, u li fiha hemm diversi ikoni antiki u tassew sbieħ. Fiċ-ċentru fuq il-purtiera kaħla tal-bieb irjali tal-presbiterju, hemm irrakkmata xbieha tal-Annunċjazzjoni. Fuq ix-xellug tagħha hemm dawn l-ikoni: Kristu *Pantokrator*, San Ġwann Battista (bil-ġwienaħ), San Ġorġ (fuq żiemel abjad), San Dimitri ta' Tessalonika (fuq żiemel aħmar). Fuq il-lemin tal-purtiera hemm dawn l-ikoni: Verġni Marija *Theotokos* bil-Bambin, l-Annunċjazzjoni, Sant'Elena u San Kostantinu bis-Salib, San Pietru u San Pawl. Mal-ġenb tal-bibien tat-tramuntana u n-nofsinhar fl-istess Ikonostasi hemm ikoni ta' qaddisin orjentali orjentali oħrajn, fosthom San Nikola, San Bażilju u Santa Katerina ta' Lixandra.

Diversi pellegrini li jkunu Nazaret iħobbu wkoll imorru jżuru dan is-Santwarju interessanti li, għalkemm mhux marbut direttament mal-ġrajja evanġelika tal-Annunċjazzjoni kif jagħtiha San Luqa 1,26-26 u li tiġi mfakkra fil-Bażilika tal-Annunċjazzjoni, xorta waħda għandha l-importanza tagħha għax hi mnissla minn tradizzjoni orjentali antikissima tal-Knisja tal-Art Imqaddsa li fiha twieldu r-rakkonti Apokrifi, li mhumiex ħrejjef, kif soltu naħsbu, imma meditazzjonijiet sinċieri tal-ewwel ġenerazzjonijiet ta' Insara fuq il-fatti evanġeliċi, b'rifeirment ukoll għall-komunità Lhudija-Kristjana tal-bidu u tal-"qraba ta' Ġesù" li kienu l-pedament tal-Kristjaneżimu ġewwa Nazaret.

## Referenzi

Denys Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus.* Volume II L-Z (excluding Tyre), Cambridge University Press 1998, pp. 140-144.



# L-APOKALISSI (9)

*Fr Charles Buttigieg*

*"Li Hu, u li Kien, u li għad irid Jiġi" (Apokalissi 4:8)*

## Teoloġija Biblika tal-Apokalissi

## Il-Ħaruf Rebbieħ

Il-Biblista Ugo Vanni tal-'Biblicum' u tal-'Gregoriana' ġewwa Ruma, kien sejjaħ dan l-aħħar ktieb tal-Bibbja, l-Apokalissi ta' San Ġwann, bħala 'il-Ktieb tal-Ħaruf". Dan għaliex l-Apokalissi jitkellem diversi drabi dwar Kristu l-Ħaruf maqtul iżda rebbieħ, Kristu li deher bħala l-Ħaruf ġdid u veru tal-Għid. Nistgħu ngħidu li Ħaruf ta' Alla huwa l-protagonista tal-ktieb, għandna s-seba' knejjes bħala xhieda tiegħu (Apok 1-3), l-qima lejn il-Ħaruf (Apok 4-5), il-korla tal-Ħaruf (Apo 6-19), il-glorja tal-Ħaruf (Apok 20), u żwieġ tal-Ħaruf (Apok 21-22).

Fl-Apokalissi l-figura tal-Ħaruf tilbes il-figura tal-Passjoni: "mifdija minn fost il-bnedmin, l-ewwel frott għal Alla u għall-Ħaruf" (Apok 14:4). Din id-dehra ta' Kristu l-Ħaruf tas-Sagrifiċċju Rebbieħ li jidher fl-Apokalissi, fejn għandna d-dehra tat-tron tal-Ħaruf, u l-għotja tas-seba' sigilli (ara Eżekjel 2:9-10), juri l-Jum il-Kbir tal-intervent aħħari ta' Kristu. Hawnhekk għandha xebh kbir mar-raba' Evanġelju ta' San Ġwann, kemm fis-simboliżmu u kemm fit-tema tal-Ħaruf. Interessanti li fl-Apokalissi, niltaqgħu mal-kelma griega għal 'ħaruf': 'arnion' li nsibuha 28 darba; numru li jrid juri l-perfezzjoni divina u dik tad-dinja, sebgħa għal erbgħa.

Dan huwa għalhekk it-titlu Kristoloġiku l-iktar dominanti fl-Apokalissi li nsibuh fuq kollox fis-sezzjonijiet liturġiċi tal-ktieb (38 darba). It-titlu 'Ġesù Kristu' insibuh seba' darbiet u t-titlu 'Ġesù' erba' darbiet, iżda fil-fatt hemm mat-80 riferenza għall-Iben ta' Alla, għalkemm qatt ma jissejjaħ 'Theos'. Fl-Evanġelju Ġwanni juża t-terminu grieg ieħor għal 'ħaruf': 'amnos' "Ide ho amnos tou Theou" (Ġwanni 1:29.36) li nsibuh darbtejn dejjem ippronunċjat mill-Battista (ara ukoll Levitiku 28). It-terminu 'arnion' (diminuttiv ta' 'aren') irid ifisser ħaruf prezzjuż u glorjuż, waqt li 'amnos' huwa marbut mal-ħaruf tas-sagrifiċċju. It-terminu 'arnion' jinsab darba biss fl-Evanġelju ta' San Ġwann u fil-plural 'ta arnia mou' f'21:15. It-tema tal-Ħaruf għandha l-influss tal-qaddej sofferenti ta' Jaħweh li nsibu f'Isaija 53:7 u fil-ktieb ta' Ġeremija 11:19. Fis-LXX it-terminu li nsibu huwa 'ho amnos' li jinsab 100 darba. 'Arnion' għandha forma diminuttiva u għalhekk trid turi iktar l-innoċenza u ż-żgħożija tal-ħaruf. Fl-aramajk għandna t-terminu 'talya' li jfisser kemm 'qaddej' u kemm 'ħaruf' u kemm 'tifel'. Il-kelma 'kebes' għall-ħaruf insibuha 130 fil-bibbja ebrajka. F'1 Korintin 5:7, San Pawl juża l-frażi 'to pasha hemon', il-ħaruf tal-għid tagħna.

Fl-Apokalissi, it-tema tal-Ħaruf narawha fil-kapitlu ħamsa fejn wara li l-awtur jibki u jinsab imdejjaq, għaliex ma jara lil ħadd denn sabiex jiftaħ is-siġilli tal-ktieb, u għalhekk sabiex iwettaq dan, jidher fix-xena l-Ħaruf li huwa msejjaħ l-Iljun (ta' Ġuda). 'L-Iljun ta' Ġuda' huwa t-titlu messjaniku li diġà nsibu fl-Antik Testment f'Ġenesi 49:9-10 u fit-Tieni Ktieb ta' Esdra 11:37 u 12:31. F'5:12 naraw is-seba' attributi tal-qawwa tal-Ħaruf wieqaf maqtul ('arnion estekos hos esphagmenon') u għalhekk ma huwiex Ħaruf dgħajjef u bla saħħa jew Ħaruf tellief (ara ukoll is-seba' attributi lil Alla f'7:12), imma huwa Ħaruf rxoxt. F'5:13 naraw l-att liturġiku tal-adorazzjoni tal-Ħaruf u tifħir lil Alla. Rigward dan, Barr fl-1998, jikteb: "It is worship that the final victory is won: worship God. The worship of God is the primary theme of the Apocalpyse, contrasted with the worship of the beast".

Fil-kapitlu 6 fejn naraw l-ewwel ġudizzju naraw il-Ħaruf jiftaħ l-ewwel sitt siġilli fejn wara l-ftuħ tas-sitt siġill naraw il-korla tal-Ħaruf (ara Mark 3:5) li jwettaq il-ġudizzju f'6:16. F'7:9-17 naraw il-Ħaruf f'din is-sezzjoni liturġika

b'rabta mat-tron ta' Alla (7:9) u mat-tema tar-ragħaj u għalhekk il-Ħaruf li jmexxi ('poimaino', 4 darbiet) l-merħla (7:17, ara ukoll Ġwanni 10; Eżekjel 34:23; Salm 23:1-2; Lhud 13:20 u 1 Pietru 2:5). F'8:1-11:9 jkun hu li fetaħ is-seba' siġill. Il-Ħaruf tal-Apokalissi huwa wieħed paradossali, li huwa mejjet u ħaj fl-istess waqt, vittma u rebbieħ, huwa Ħaruf tar-redenzjoni. Huwa t-tempju u d-dawl f'Ġerusalemm il-ġdida (21:22-23). Għalhekk il-ktieb huwa r-rivelazzjoni tal-Ħaruf.

Il-Ħaruf jissemma mad-Dragun u mal-bhejjem f'12:1-13:18 fejn naraw il-qawwa salvifika tad-demm ('haima', 19-il darba minn 97 darba fil-Ġ.T.) tal-Ħaruf ('to haimati tou arniou') f'12:11 u l-ktieb tal-ħajja (sitt darbiet fl-Apokalissi 'he biblos tes zoes') tal-Ħaruf f'13:8. F'14:1-5 naraw il-Ħaruf wieqaf fuq muntanja Sijon flimkien mal-ġemgħa mifdija mill-Ħaruf tal-144 elf ruħ bl-isem ta' Alla fuq moħħhom (ara 1 Pietru 1:19). Din hija parti ċentrali tas-sezzjoni 12:1-15:8 li għandha struttura konċentrika, fejn il-mara pura f'12:1-2 tikkorrespondi għall-mara f'15:2-4, id-dragun il-kbir f'12:3-4 jikkorrespondi għas-seba' pjagi f'15:1, it-tarbija f'12:4-5 tikkorrespondi ma' bin il-bniedem liebes sa saqajh (it-tunika saċerdotali) f'14:14-20. Fl-aħħar ġudizzju f'14:6-15:8 naraw il-korla ('thumos') ta' Alla quddiem l-anġli u l-Ħaruf (14:10). Għandna hawnhekk l-għanja ta' Mosè (fuq il-baħar l-aħmar) u l-għanja tal-Ħaruf fuq il-baħar tal-ħġieġ, (ara Eżodu 15).

Fil-kapitli 16 u 18 naraw il-quċċata tax-xeni marbuta mal-ġudizzju fejn naraw ir-rebħa tal-Ħaruf fuq il-bhejjem u s-slaten f'17:4. F'19:1-10 naraw it-tieġ tal-Ħaruf wara r-raba' Hallelujah fejn naraw il-Ħaruf bħala l-għarus u l-Knisja bħala l-għarusa. F'19:11-20:5 naraw il-Parusija u t-Tron tal-Ħaruf. F'21:1-22:5 il-Ħaruf jissemma 7 darbiet. Il-Ħaruf li f'1:5 jissemma d-demm tiegħu li jagħtina l-ħelsien ('lousanti' – maħsulin), mela jieħu l-ktieb, jiftaħ is-siġilli, jagħdab, jirgħa, jiġġieled, jirbaħ, u jiċċelebra t-tieġ. F'Ġerusalemm il-Ġdida, dik tas-sema jibqa' biss dan il-Ħaruf bħala s-Salvatur. Id-demm li x'ħin jinxtered fis-sagrifiċċju huwa mezz ta' espjazzjoni kif naraw fil-Levitiku 17:11. Id-demm għandu l-ħajja fih u għalhekk huwa sagru. Issa fil-Ġdid Testment il-patt il-ġdid (ara Mattew 26:28; Mark 14:24 u Luqa 22:20) huwa ssiġġillat bid-demm ta' Kristu. Apokalissi 1:5 u 5:9 jitkellmu għalhekk mid-demm salvifiku ta' Kristu.

Fl-Apokalissi l-figura tal-ħaruf tilbes il-figura tal-Passjoni: 'arnion estekos os esphagmenon' (Apok 7:13-17; 11:3-13 u 12:11-13:10). Rigward l-Adorazzjoni tal-Ħaruf għandna l-pittura biż-żejt fuq l-injam fil-Kattidral ta' San Bavone ta' Ghent minn Jan van Eyck. Il-figura tal-Ħaruf narawha fuq kollox dominanti fl-istorja tas-salvazzjoni u fil-Bibbja. Infatti l-ikbar ġrajja tal-poplu Lhudi, hija dik tal-Ħaruf tal-Eżodu, il-Ħaruf bla tebgħa u bla difett ('amomos'), il-Ħaruf u l-Festa tal-Għid. L-ikla tal-Għid tal-Lhud kienet tfakkarhom fil-ġrajja memorabbli tal-imħabba infinita ta' Alla li għaddihom mill-imgħoddija, mill-jasar għall-ħelsien, mill-mewt għall-ħajja (bil-lhudi l-kelma 'għid' hija 'pesah' li tfisser 'passaġġ' jew 'taqbeż'). Dak in-nhar tal-Eżodu, mid-demm tal-Ħaruf, il-Lhud lesti biex jitilqu mill-Eġittu mmexxija minn Mosè, ċappsu bis-suf jew bil-pjanta tal-issopu l-ġnub u l-blata tal-bibien tad-djar tagħhom ħalli x'ħin jgħaddi l-anġlu tal-mewt u jara l-blajjet imċappsin bid-demm, ma jidħolx fid-dar biex jagħmel ħerba bħalma għamel fid-djar tal-eġizzjani u dan fil-kuntest tal-għaxar u l-aħħar kastig fuq l-Eġittu u l-Farun. Il-laħam tal-ħaruf kienu kiluh mixwi, kielu l-ħobż bla ħmira għax ma kellhomx ċans joqogħdu jistennew l-għaġna tikber (li kieku kellha l-ħmira); mela kielu ħobż ażżmu, u ħaxix morr

biex ifakkarhom fit-tbatijiet li għaddew minnhom.

L-Evanġelji jagħtuna ukoll tagħrif dwar l-aħħar ikla li Ġesù għamel mal-appostli tiegħu li kienet ukoll l-Ikla tal-Ħaruf tal-Għid. F'Lq 22:7-14, naraw lil Ġesù jordna lil Pietru u Ġwanni sabiex jippreparaw għall-ikla tal-Għid. F'Ġerusalemm fl-Għid fi żmien Ġesù, kien ikun hemm madwar 200,000 persuna b'kalkolu li kienu jinqatlu mal-20,000 ħaruf, li jfisser li kienet issir 20,000 ikla ġewwa Ġerusalemm. Josephus jikteb li fis-sena 66 A.D., inqatlu 256,000 ħaruf għall-festa tal-Għid f'Ġerusalemm fejn aktarx żaruha żewġ miljun ruħ. Għal San Ġwann l-evanġelista, il-mument ta' Kristu fuq is-salib hu l-ikbar sinjal tal-glorja ta' Alla. Ġesù għadda tliet sigħat ta' agonija fuq is-salib u miet fit-tlieta ta' wara nofs in-nhar. Infatti fi żmien Ġesù il-qtil tal-ħaruf tal-Għid skont Filun kien isir wara nofs in-nhar wara d-disa' siegħa (3.00pm) sa filgħaxija. Kienet is-siegħa li fiha għall-festa tal-Għid tal-Lhud, dak kollu li kellu l-ħmira kellu jitneħħa mid-dar biex iħalli l-post għall-ħobż il-ġdid bla ħmira. Bil-mewt ta' Ġesù fuq is-salib, jinqered kull ħażen u tibda era ġdida: "Araw il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja." (Ġwanni 1:29). Interessanti li fil-'gemetria', it-Titlu 'Ħaruf ta' Alla' għandu l-istess valur numeriku tal-isem 'Ġesù", il-valur huwa ta' 391.

Il-Ħaruf tal-Għid kien jinqatel fil-bitħa tat-tempju fejn il-kap tal-familja kien jiskarnah, joħroġlu demmu kollu għaliex il-lhud ma kinux jieklu laħam bid-demm, id-demm kien sagru u kien fih il-ħajja (ara Ġenesi 9:4 u Levitiku 17:11), u l-qassisin kienu jiġbru d-demm tiegħu. Hekk ukoll Kristu, il-Ħaruf il-ġdid tal-Għid ħareġ demmu kollu għalina biex isalvana kif nafu mid-daqqa tal-lanza, li minn ġenbu ħareġ minnufih demm u ilma ('haima kai hudor', ara Ġwanni 19:34). Ġesù fuq is-salib ma tinkisirlu ebda għadma, l-istess bħal ħaruf tal-Għid: "Ġew is-suldati u kissru r-riġlejn tal-ewwel u tat-tieni wieħed li kienu msallbin miegħu. Iżda meta



*Il-Ħaruf tal-Apokalissi. Sacro Speco di S. Benedetto, Subiaco © Noel Muscat ofm*

waslu għal Ġesù, billi raw li kien ġa mejjet, ma kissrulux riġlejh. Dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid: 'Ebda waħda minn għadmu ma jkissrulu.'" (Ġwanni 19:32-36).

Għalhekk Kristu huwa l-Ħaruf rebbieħ, il-Ħaruf tar-redenzjoni tal-Apokalissi, li huwa l-kavallier fuq iż-żiemel l-abjad (ara 6:1-2 u 19:11-16), li huwa l-Iljun ta' Ġuda, għaliex rebaħ il-mewt, rebaħ il-qabar u qam fit-tielet jum. U għalhekk mela l-festa tal-Għid hija l-festa tal-ħelsien u tal-qawmien li ġabilna Kristu. Din hija l-aħbar it-tajba u vera tassew li n-nisrani għandu jagħraf u jiftaħar biha kuljum, kull nhar ta' Ħadd fl-Ewkaristija. Dan huwa fuq kollox il-kobor ta' Ġesù fl-Ewkaristija, il-Ħaruf t'Alla, Alla li ħalaq kollox u jinżel fil-qalb tagħna u jsir parti minna u jnaddafna mid-dnub u mill-miżerja tagħna. Henjin aħna tassew li dejjem inkunu mistiedna għal din il-Mejda tal-Ħaruf. Il-qawmien ta' Kristu għalhekk huwa stedina ta' fidi quddiem id-dubju, stedina għall-ħajja quddiem il-mewt, stedina għall-paċi quddiem il-gwerra, stedina għar-rikonċiljazzjoni quddiem id-dnub: "Il-Mulej qam tassew, 'surrexit Dominus vere'" (Luqa 24:34).

Nagħlaq dan l-artiklu bil-kummenti ta' Snell u Vanni. H.H. Snell jikteb: "In the Revelation, the Lamb is the centre around which all else is clustered, the foundation on which everything lasting is built, the nail on which all hangs, the object to which all points, and the spring from which all blessing proceeds. The lamb is the light, the glory, the life, the Lord of Heaven and earth, from whose face all defilement must flee away, and in whose presence fullness of joy is known. Hence, we cannot go far in the study of the Revelation, without seeing the lamb, like direction-posts along the road, to remind us that He who died by Himself purge our sins is now highly exalted, and that to Him every knee must bow, and every tongue confess". Fuq kollox hemm suċċessjoni semantika, minn 'amnos' għal 'arnion'; kif jispjega Vanni: "L''arnion' dunque contiene l''amnos', il Cristo morto che ha sacrificato la sua vita per superare il peccato, ma rappresenta sopratutto il Cristo risorto con le sue inesauribili energie, con la sua forza strabiliante, con il suo Spirito pregno della grandiosa potenza del Risorto. Il Cristo 'amnos' indica in sostanza la parte realizzata con la morte, mentre il Cristo 'arnion' a quest'ultima aggiunge la componente frutto della risurrezione e presenta queste due parti in maniera unitaria e inscindibile. Siamo dunque in presenza di un'evidente continuità: l''amnos' è contenuto nell''arnion', tuttavia l''arnion' supera l'orizzonte dell''amnos', dal momento che apporta efettivamente tutti gli elementi propri della risurrezione".

## Biblijografija


Bandy, A., "God in John's Apocalypse", in *Perichoresis* 22 (2024) 4-29.

Barr, D.L., *Tales of the End: A Narrative Commentary on the Book of Revelation*, Salem 1998.

Biguzzi, G., *Apocalisse. Nuova versione, introduzione e commento*, I libri biblici, Nuovo Testamento 20, Milano 2005.

Camerling, Y.F. et als., "A Hermeneutical study on the symbolic meaning of the number 144,000 in Revelation 7:1-7", in *Jurnal Jaffray* 19 (2021) 86-111.

Cha, B., "Visualising the super-temporal vulnerability of God: Balthasar's theological use of John's biblical image of 'the Lamb slain'", in *Scottish Journal of Theology* 77 (2024) 175-187.

Collins, B.C., "The Futurist Interpretation of Revelation: Evidence from the Seal Judgments' Reliance on the Olivet Discourse", in *Journal of Biblical Theology and Worldview* 4 (2024) 1-18.

Davies, J., "Reading the Apocalypse with

Christopher Nolan: Story and Narrative, Time and Space", in *Journal for Interdisciplinary Biblical Studies* 4 (2022) 42-56.

Doglio, C., *Apocalisse di Giovanni*, Padova 2005.

Fanning, B.M., *Revelation*, Zondervan Exegetical Commentary on the New Testament, Grand Rapids (MI) 2020.

Guthrie, D., *The Relevance of John's Apocalypse*, Grand Rapids (MI) 2012.

Jordaan, G.J.C., "Cosmology in the Book of Revelation", in *die Skruflig/Luce Verbi* 47 (2013) 1-8.

Koester, C.R., *Revelation: A New Translation with Introduction and Commentary*, New Haven 2014.

Kuryliak, B. – Kuryliak, I., "Daniel and Revelation: Blasphemy in the Cosmic Conflict", in *Open Theology* 10 (2024) 1-15.

Kuryliak, B. – Kuryliak, I., "The Intermediate State: Revelation 6:9-11 and 20:4-6,13 in the Light of Daniel 12:2,13", in *The Biblical Annals* 15 (2025) 145-164.

Newall, M., "The Roman Arena overturned: Revelation 14:9-11 as God's wrath in history", in *The Expository Times* (2022) 1-11.

O'Hear, N. – O'Hear, A., *Picturing the Apocalypse: The Book of Revelation in the Arts over Two Millenia*, Oxford 2015.

Oladosu, O.T., - Alu, C.O., "The use of Old Testament in the Book of Revelation", in *American Journal of Biblical Theology* 17 (2016) 1-10.

Oniszczuk, J., "Composizione e messaggio della lettera alla Chiesa di Efeso (Ap 2:1-7)", in *Gregorianum* 98 (2017) 463-480.

Paul, I., *Revelation*, Tyndale New Testament Commentary, London 2018.

Peerbolte, B.J.L., "The Book of Revelation: Plagues as part of the Eschatological Human Condition", in *Journal for the Study of the New Testament* 44 (2021) 75-92.

Piazzolla, F., "La gune' dell'Ap: funzione materna e sponsale della chiesa", in *Liber Annuus* 65 (2015) 351-378.

Pruszinski, G.R., "The Cognitive Phenomenology of Doors in the Book of Revelation: A Spatial analysis", in *Religions* 10 (2019) 1-14.

Razafiarivony, D., "Is the Woman of Revelation 17 the same of Revelation 12?", in *The American Journal of Biblical Theology* 17 (2016) 1-10.

Rozek, K.B., "The Eschatological enemies of the Church: A biblical exposition of Revelation 9:1-11 and an examination of interpretations of the locusts from the abyss", in *Diligence: Journal of the Liberty University Online Religion Capstone in Research and Scholarship* 5 (2020) 1-22.

Ruiz-Ortiz, F.J., " "Battle is over, raise we the cry of victory". Study of Revelation 19:11-21", in *Isidorianum* 29 (2020) 37-60.

Vanni, U., *Dal Quarto Vangelo all'Apocalisse. Una comunità cresce nella fede*, Orizzonti biblici, Assisi 2011.

Van Rensburg, H.J., "All the Apocalypse a stage: The ritual function of apocalyptic literature", in *HTS Teologiese Studies/Theological Studies* 75 (2019) 1-8.

Van Rensburg, H.J., "The revelations of Revelation: The book that fits, even when it does not", in *HTS Teologiese Studies/Theological Studies* 77 (2021) 1-12.



# IS-SEJĦA TAL-PROFETA ISAIJA

*Mons Lawrenz Sciberras*

Il-ktieb tal-prinċep tal-profeti, Isaija jservi tassew ta' pedament sod daqskemm meħtieġ lejn tama Nisranija vera u awtentika. Dan il-ktieb iberraħ ħafna u ħafna stennija Messjanika. Illum nafu sew li dan mhux ix-xogħol ta' awtur wieħed. Anzi. Dan il-ktieb jitberraħ matul diversi ċentenarji ta' żmien. Jibda bit-theddid tal-belt ta' Ġerusalemm madwar is-sena 740; ikompli jidħol fid-dettal tad-deżolazzjoni u niket ta' żmien l-eżilju ta' Babilonja, u jispiċċa bil-ferħ tar-ritorn mill-eżilju flimkien mal-istennija qawwija tal-Messija.
Dan jaqbel perfettament ma' kliem is-Salm 126: "Meta l-Mulej reġġa' lura l-imjassrin ta' Sijon, konna qisna mitlufa f'ħolma, imbagħad bid-daħk imtela fommna, u bl-għajjat ta' ferħ ilsienna" (Sl 126,1-2). Dan huwa ktieb kompost li jdomm fih sitta u sittin kapitlu.

Il-profeta jkompli hawn jara t-theddid tal-qawwa ġejja mis-sultan tal-Assirja, Sennakerib. Dan fis-sena 701 kien jirritorna mir-rebħa li għamel fuq l-Eġittu flimkien ma' 46 belt oħra. Meta wasal Ġerusalemm, mingħajr ħadd ma jaf għaliex, telaq, u ħalla lil din il-belt ħerba waħda. "Waħedha baqgħet bint Sijon, bħal girna f'għalqa bħajra, bħal belt imdawra" (Is 1,8).

## Il-belt li tiġbed in-nies

Fit-tieni kapitlu mbagħad il-folja tinqaleb għal kollox. Minflok il-ħafna kritika ta' abbużi u formaliżmu esaġerat, issa ġejjin jiem ta' ritorn feliċi lejn il-belt il-qaddisa Ġerusalemm. Dan jiġi muri bl-espressjoni ta "Jum Jaħweh", frażi li diġà kienet fil-profeta Għamos. Għalhekk f'dan iż-żmien, Alla għad iqiegħed kollox f'postu. Ġerusalemm infisha ma tibqax sempliċi strixxa dejqa ta' art, li tibda mill-baħar sad-deżert; dan għaliex lejha għad imorru ħafna pellegrini fejn hi titgħolla tassew. "Għad jiġri fl-aħħar jiem, li l-għolja tad-dar tal-Mulej togħla 'l fuq mill-qċaċet tal-muntanji, u tintrefa' 'l fuq mill-għoljiet, lejha għad jiġru l-ġnus kollha" (Is 2,2).

Anzi kif l-istess isem tal-belt jixhed, Jerûshalaim, tfisser belt is-sliem, ġid, prosperità, *'ir shalom* belt is-sliem.
U dan kollu jawgura dak li bassar Isaija: "Il-Mulej jagħmel il-ħaqq bejn il-ġnus, u jaqta' s-sentenzi bejn ħafna popli; u huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet, u l-lanez tagħhom fi mnieġel" (Sl 2,4). Kliem ta' konfort tassew. Din il-kelma *shalom* fit-Testment il-Qadim tinsab għal 237 darba, mela l-importanza tat-tifsira sħiħa tagħha!!

## Is-sejħa tal-profeta Kap 6

Din is-sejħa tidher li għandha importanza enormi, u dan għaliex fiha wieħed jilmaħ dettalji u rqaqat oħra kbar.

Il-profeta jiftaħ billi jinkwadra ż-żmien tad-dehra tiegħu: "Fis-sena li fiha miet is-sultan Għużżija". Dan mela jfisser li qegħdin bejn is-snin 742 u 738. Issa dan isem is-sultan Għużżija, diġà qiegħed imsemmi ma' tliet slaten oħra preċiżament fil-bidunett tal-ktieb ta' Isaija. L-ewwel impressjoni toħroġ mill-post fejn kien qiegħed "sidi". "Bilqiegħda fuq tron għoli merfugħ 'il fuq". Il-kelma "tron" li fil-Bibbja hija miktuba għal mitejn u waħda (201), kważi dejjem hija marbuta mas-sultan, jew is-saltna tiegħu.

Il-ktieb tal-Apokalissi jitkellem ukoll mit-tron imwaqqaf fis-sema: "Minnufih ħassejtni merfugħ fl-Ispirtu, u rajt tron imwaqqaf fis-sema, u wieħed bilqiegħda fuq it-tron" (Apok 4,2). Issa t-tron li ra Isaija jġorr miegħu partikularità nteressanti; "għoli u merfugħ 'il fuq". Mela toħroġ weħidha l-uniċità ta' dak bilqiegħda fuq dan it-tron speċjali.

Kollox juri li hawn qegħdin nassistu għal xena li ra l-profeta wisq aktar marbuta mad-divin milli mal-uman. Fid-deskrizzjoni tal-libsa li kien liebes dan "is-sid" turi

il-glorja u s-sebħ tiegħu. Tant kienet twila u kbira li mliet it-tempju. Xena li tixbah lil din tal-mantar, qiegħda wkoll fil-profeta Elija u sieħbu Eliżew (2 Slat 2,13). Dan tal-aħħar għaliex kien jaf li l-mantar ta' Elija fih qawwa speċjali talbu dan bħala wirt qaddis tiegħu.

Issa djul dan il-mantell kien jimla t-tempju, jew fl-oriġinal il-*ħekal*. Din il-kamra *ħekal*, li tiġi preċiż quddiem il-qaddis tal-qaddisin, l-aħħar għorfa tat-tempju, *id-debir*. Fil-kamra *ħekal* kien hemm tliet oġġetti l-aktar għeżież u prezzjużi. Dawn kienu, il-kandelabru tad-deheb, b'seba' friegħi, kuljum jixgħel. Kienu l-leviti li jieħdu ħsieb din il-biċċa xogħol hekk għażiża jiġifieri li jżommu l-kandelebru jixgħel kontinwament. It-tieni oġġett kienet il-mejda ndurata bid-deheb u li fuqha kien hemm it-tnax-il ħobża, msejħin il-ħobż tal-preżenza, *leħem panim*. Dan il-ħobż kienu jikluh il-qassisin kull tmint ijiem, u jagħmlu tnax oħra minflokhom. It-tielet oġġett kien l-altar tal-inċens, li madwaru darbtejn kuljum kien jidħol il-qassis biex joffri l-inċens lil Alla. L-altar kellu l-ponot fl-erba' kantunieri tiegħu, li kienu jixbhu lill-ponot ta' kenur. Lil dawn il-ponot kienu jsejħulhom "qrun", *cornua altaris*. (Saydon Salm 118,27).

Ukoll dan id-dettal ikompli jissiġilla l-kobor ta' din id-dehra li kellu Isaija. Id-dehra li kellu Isaija tkompli tidħol fid-dettal għaliex hemm issemmija s-Serafini. Ma jgħidx kemm kien hemm. Biss kull wieħed kellu sitt ġwienaħ; "Bi tnejn kienu jgħattu wiċċhom, bi tnejn kienu jgħattu riġlejhom, u bi tnejn jittajru". Etimoloġikament il-kelma "Serafin" tfisser xi ħaġa li taħraq sew, forsi wkoll xi ħaġa marbuta mal-velenu. Dan kollu jfakkarna fis-sriep "jaħarqu li gidmu ħafna Lhud fid-deżert u mietu" (Num 21,6).

F'din ix-xena tagħna però jidher li s-Serafini għandhom ħafna x'jaqsmu ma' ħlejjaq tas-sema u li għandhom sura umana. Dawn qegħdin hemm għas-servizz sħiħ ta' Alla. Interessanti għaliex huwa Isaija waħdu li jsemmi lil dawn is-Serafini.

Ix-xena li dawn is-Serafini kienu jgħattu wiċċhom tfakkar fix-xena ta' Mosè. Dan il-leġislatur kien talab lil Alla biex jara lil wiċċu. U t-tweġiba kienet ċara ħafna: "Imma int ma tistax tara 'l wiċċi, għax ebda bniedem ma jarani u jibqa' ħaj" (Eż 33,20). Minn hawn jidher kemm id-dehra li ra Isaija kienet tassew marbuta intimament mad-divin.

## Jippronunzjaw "il-qaddis"

Jitkompla d-dettal issa tal-kliem u ta' min kien qed jisma'. Dawn is-Serafini "kienu jgħajtu u jwieġbu lil xulxin: Qaddis, qaddis qaddis". Dan huwa aġġettiv marbut dejjem mas-sagru. Aġġettiv komuni ħafna fil-Bibbja. L-ewwel osservazzjoni li toħroġ minn hawn huwa l-fatt li s-Serafini kienu jippronunzjaw għal tlitt darbiet l-istess kelma. Mela hawn għandna superlattiv assolut. Alla għandu l-milja assoluta tal-qdusija.

Il-qaddis jew is-sagru jfakkar dejjem f'realtà dedikata għal kult divin. Hekk mela hemm l-ispazju, il-qassis li jippresjiedi r-riti, l-istess oġġetti użati għall-kult, l-ikel, l-bhejjem maħsubin għas-sagrifiċċji fil-liturġija, l-altar li fuqu issir id-debħa. Għalhekk mela dejjem hemm bżonn ta' rispett u għożża lejn dan kollu. Kien hemm bżonn ukoll li l-vittma għas-sagrifiċċju tkun f'saħħitha u ebda dell ta' mard ma jkollha. Alla jistħoqqlu dak li huwa l-aqwa, l-isbaħ u perfett.

Il-qdusija hija waħda mis-suġġetti ċentrali tal-profeta Isaija. Tant li lil Jaħweh Isaija jsejjaħlu il-Qaddis ta' Israel: "Gwaj għal dawk li jgħidu: 'Ħa jfittex jagħmel li għandu jagħmel, ħalli narawh; ħa joqrob u jseħħ il-Qaddis ta' Israel ħalli nagħrfuh'" (Is 5,19; 10,17.20; 41,14.16). Din il-qdusija ta' Alla tesiġi mill-bniedem li huwa wkoll jkun qaddis, jiġifieri li jkun mifrud minn dak li huwa profan (Lev 17,1); imnaddaf minn kull

dnub, u jipparteċipa mill-ġustizzja ta' Alla. "U l-Mulej tal-eżerċti jitkabbar f'jum il-ħaqq, u Alla l-Qaddis jitqaddes bil-ġustizzja" (Is 5,16).

Dan l-istess ħsieb ta' qdusija fl-ogħla grad offruta u mogħtija lil Alla biss, terġa' tirritorna fl-Apokalissi. Hemm ix-xena tal-erba' Ħlejjaq Ħajjin li "lejl u nhar ma jieqfu qatt itennu: Qaddis, Qaddis, Qaddis, il-Mulej, Alla li jista' kollox, li kien u li hu, u li ġej" (Apok 4,8). Dan jissejjaħ il-kult *latrija*.

Ir-riżultat ta' dak li kienu jgħidu is-Serafini kellu ħafna x'jaqsam mad-divin. Dan għaliex dak l-ambjent u spazju tat-tempju imtela' "bil-glorja tiegħu". Il-kelma glorja *kavod* dritt tfakkar fil-glorja ta' Alla li din ukoll dehret fit-tempju ta' Ġerusalemm wara li Salamun ikkonsagrah lil Alla. "Is-sħaba mliet it-tempju tal-Mulej, u minħabba fiha l-qassisin ma setgħux ikomplu s-servizz tagħhom, għax il-glorja tal-Mulej kienet imliet it-tempju tal-Mulej" (1 Slat 8,10).

## Duħħan u theżżiż

Element ieħor marbut mad-divin huwa d-duħħan. Forsi din ukoll tidher ftit stramba, imma din hija il-verità. Id-dehra marbuta mas-sejħa li ra u sama' Isaija hija wisq aktar marbuta mas-sema milli mal-art. Dan id-duħħan flimkien mat-theżżiż tal-art huma marbutin ma' dehra oħra, din id-darba li kellu Mosè fuq il-muntanja Sinaj. Kien il-Mulej innifsu li sejjaħ lil Mosè biex jitla' fuq il-muntanja qaddisa (Eż 19,3) u f'dan l-ambjent kien hemm id-duħħan u l-muntajna kienet titheżheż kollha (Eż 19,18).

Isaija quddiem dan kollu ra lilu nnifsu indenn għal din is-sejħa: "Jaħasra għalija, mitluf jien! Bniedem b'xofftejh imniġġsa u f'nofs poplu b'xofftejh imniġġsa ngħammar" (Is 6,5). Din l-attitudni tal-profeta hija waħda l-aktar komuni fit-tweġibiet li jagħti l-bniedem quddiem is-sejħa ta' Alla. Imma mas-sejħa jkun hemm dejjem l-għajnuna u l-mezzi biex il-profeta jwettaq sew il-missjoni li ġie msejjaħ għaliha.

Hekk wieġeb Mosè lil Jaħweh quddiem l-għollieq jaqbad: "Jien min jien biex immur quddiem il-Fargħun u noħroġ lil ulied Iżrael mill-Eġittu?" (Eż 3,11). L-istess attitudni wera Ġeremija quddiem is-sejħa: "Ah, Sidi Mulej, ma nafx nitkellem, għadni żgħir" (Ġer 1,6). U mill-istess triq għadda Isaija. Iżda darba li aċċetta s-sejħa, il-profeta kien tassew ta' dawl fost sħabu l-Lhud.



# STORJA TAL-POPLU MAGĦŻUL (4)

*Marcello Ghirlando*

## *Il-Ġudajiżmu miż-Żmien Bikri Modern sat-Twaqqif tal-Istat ta' Israel*

## Il-Lhud fl-Ewropa

Sa miż-Żminijiet tan-Nofs ħafna Lhud minn Spanja, mil-Lvant Nofsani u mill-Krimea sabu kenn fost il-Lhud Axkenażim tal-Polonja u tal-Litwanja. Fil-Polonja s-Sultan Każimir III kompla kabbar id-drittijiet u l-ħarsien tal-Lhud diġà mogħtija lilhom seklu qabel, fl-1264, mill-Prinċep tal-Kalisz. Fl-1338 id-Duka l-Kbir tal-Litwanja ta drittijiet simili lil-Lhud li mbagħad ġeddidhom Każimir IV Jaġillo. Dan kollu mhux biss aġevola l-ħajja Lhudija f'dawn iż-żewġ pajjiżi imma wassal biex ħafna minnhom jaħdmu bħala aġenti fiskali u amministraturi tal-proprjetajiet tan-nobbiltà Polakka li kellha ħafna artijiet fl-Ukrajna. Iżda mhux l-ewwel darba li l-Lhud sfaw vittmi ta' persekuzzjoni.

Sas-seklu XVI il-popolazzjoni Lhudija fil-Polonja tkattret għal aktar minn 150,000 ruħ, organizzati f'komunitajiet lokali li jieħdu ħsieb huma stess, permezz ta' kunsilli, tal-ħidma edukattiva u amministrattiva tal-komunità. Fl-ibliet il-kbar dawn il-kunsilli, jew *keħillah* kif kienu magħrufa, kienu anki mmexxija minn awtoritajiet fil-liġi Lhudija u mill-kapijiet tal-akkademji Talmudiċi. Diversi federazzjonijiet reġjunali organizzaw il-ħajja Lhudija fil-Polonja bejn is-sekli XVI u XVIII.

B'xorti ħażina, fis-seklu XVII, bosta kienu l-massakri li fihom eluf ta' Lhud sfaw vittma meta l-Kożakki tal-Ukrajna u t-Tartari tal-Krimea qamu kontra n-nobbiltà Polakka, li magħhom kienu jaħdmu l-Lhud. Taqlib politiku li għamel mil-Lhud vittmi tar-Russi, tant li fis-seklu XVII kien meqrud kwart mill-popolazzjoni Lhudija taż-żmien.

Fl-ewwel nofs tas-seklu XVIII il-Lhud fl-Ukrajna reġgħu sfaw vittmi tal-qilla tal-Kożakki. Fis-sena 1768 il-komunità Lhudija ta' Uman ġiet meqruda għal kollox. Dan kollu  wassal biex il-Ġudajiżmu fil-Polonja jieħu xejra aktar pjetistika permezz tal-Ħasidizmu.

Ix-xorti tal-Lhud fil-Litwanja kienet ta' xejra aktar pożittiva tant li Vilna saret ċentru importanti ta' studji Lhud. Fost l-għalliema jispikka l-Vilna Gaon, Elija bin Salamun Zalman (1720-1791), awtur ta' diversi kummentarji fuq l-Iskritturi u l-opri klassiċi Lhud.

Minn Spanja u Provenza kien hemm ukoll numru ta' Lhud li emigraw għall-istati tat-Tramuntana tal-Italja. Dawn ħadmu sikwit fin-negozju tas-self tal-flus. Fis-seklu XVI twaqqfu bosta komunitajiet Lhud f'Firenza, Venezja, Mantova, Ferrara u Padova. Ir-rinaxximent u l-umaneżmu fl-Italja kellhom influwenza kbira fuq l-espressjonijiet tal-Ġudajiżmu fl-Italja, li saret iċ-ċentru ta' xogħlijiet Lhud stampati, fosthom anki l-mużika. Għażarija De Rossi (1511-1578) kien wieħed mill-imgħallma Lhud fl-Italja li applika l-kitbiet klassiċi tal-Antikità għall-interpretazzjoni tal-istudji rabbiniċi. Imma anki hawn, mhux l-ewwel darba li l-Lhud sfaw vittmi ta' persekuzzjoni: biżżejjed niftakru fis-sena 1555 meta l-Papa Pawlu IV reġa' kkonferma l-editt ta' separazzjoni tal-Konċilju Lateran IV, li għalaq il-Lhud fil-getti u ċaħħadhom mid-dritt li jaħdmu f'diversi setturi ekonomiċi.

Xortihom ma tantx tjiebet fil-Ġermanja ta' Luteru, li kiteb trattat qawwi kontra l-Lhud. Meta l-Lhud ingħataw il-permess li jgħixu anki fl-ibliet, uħud minnhom, magħrufa bħala *hofjuden*, ingħataw biex ikabbru l-ħajja kummerċjali tal-prinċpijiet Ġermaniżi. Kienu dawn il-Lhud li sikwit mexxew u ddefendew il-komunitajiet tagħhom. L-istess ġara f'Amsterdam, fl-Olanda, fejn bosta Lhud kienu jaħdmu fil-kummerċ u l-finanzi. Dan aġevola t-tkabbir tal-komunità Lhudija u l-iżvilupp ta' diversi espressjonijiet tal-Ġudajiżmu fil-kamp kulturali, fit-teoloġija, fid-drama u fil-mistiċiżmu.

## Il-Ħasidiżmu

F'nofs is-seklu XVIII, b'piż storiku ta' persekuzzjonijiet u t-toqol li ħalliet il-konverżjoni ta' Xabbetai Żevi, ħafna Lhud fil-Polonja nfatmu mill-Ġudajiżmu Rabbiniku u permezz tal-Ħasidiżmu bdew jixxennqu aktar għall-fidwa individwali permezz tal-pjetiżmu reliġjuż.

Il-fundatur ta' dan il-moviment kien Bagħal Sem Tov (1700-1760), Israel bin Elgħażar, li sawwar Ġudajiżmu mlaqqam fil-Kabbalah u ġabar madwaru diversi dixxipli li għaddew tagħlimu wara mewtu. Dov Baer (1710-1772) sar mexxej warajh u l-Ħasidiżmu xtered fin-Nofsinhar tal-Polonja, l-Ukrajna u l-Litwanja, minkejja l-oppożizzjoni qawwija tar-rabbini fil-Litwanja. Il-moviment tal-Ħasidim kien magħruf mill-gvernijiet tar-Russja u tal-Awstrija; inqasam f'diversi gruppi organizzati minn mexxejja differenti u t-twaqqif tal-istituzzjoni tat-*Tzaddik* (*rebbe*). It-*tzaddik* kien jitqies bħala individwu spiritwalment superjuri fid-devozzjoni tiegħu u li kellu r-rwol imexxi lill-oħrajn lejn Alla; sikwit kien jitqies bħala mexxej li kellu l-qawwa mirakuluża li jitla' fid-dinja ta' Alla biex jinterċedi għal dawk li kienu jintrabtu miegħu. *Tzaddikim* magħrufa fis-seklu XVII kienu Zusja ta' Ħanipol, Schneur Zalman ta' Lijad, Levi Iżakk ta' Berdikev u Nagħman ta' Bratslav li waqqfu diversi fergħat tal-Ħasidiżmu fil-Polonja u fl-Ukrajna.

Il-Ħasidiżmu ta ħafna importanza lit-talb u lit-tqaddis tal-attivitajiet sempliċi tal-ħajja ta' kuljum. Id-devozzjoni Ħasidika hija kkaratterizzata mill-ferħ, l-umiltà, l-ispirtu tal-gratitudni, mill-kant u ż-żfin li kollha jqaddsu l-preżent fl-istennija tal-wasla tal-Messija.

## Fi Żmien Imdawwal

Irridu ngħidu li sas-sena 1770 kien hemm daqs żewġ miljun Lhud jgħixu fil-kuntest tal-Ewropa Nisranija. Fl-Ingilterra u l-Olanda kienu relattivament ħielsa minn restrizzjonijiet soċjali u ekonomiċi, f'kuntrast mas-sitwazzjoni legali oppressiva tagħhom fl-Ewropa Ċentrali li għalqithom f'żoni residenzjali preċiżi. Kien hemm min iddefenda lil-Lhud u ċ-ċittadinanża libera u kontributtiva tagħhom, fosthom Christian Dohm bit-trattat tiegħu "Concerning the Amelioration of the Civil Status of Jews". L-Imperatur Ġużeppi II (1741-1790) ħadem biex itejjeb is-sitwazzjoni tal-Lhud: fis-sena 1782 ippubblika editt ta' tolleranza siewi għal-Lhud ta' Vjenna.

Bħalma ġara fil-Ġermanja, anki fi Franza bosta riformi bejn is-snin 1770-1790 tejbu s-sitwazzjoni tal-Lhud. Fl-1789 l-Assemblea Nazzjonali Franċiża ddikjarat li kull persuna umana hija ħielsa u ugwali fid-drittijiet. Fl-1791 il-Lhud kollha fi Franza ngħataw id-drittijiet taċ-ċittadinanza; bħalhom il-Lhud fl-Olanda tar-Repubblika Batavjana fl-1796, filwaqt li l-Lhud ta' Padova u Ruma raw l-abolizzjoni tal-getti fi bliethom. Fl-1804, il-kodiċi ċivili ta' Napuljun seddaq l-ugwaljanza għaċ-ċittadini kollha, inklużi l-Lhud, u l-libertà li jaħdmu fi kwalunkwe sengħa. Fl-1808 Napuljun waqqaf kunsilli Lhud magħmula mir-Rabbini u lajċi Lhud u awtorizzahom imexxu s-sinagogi u l-istituzzjonijiet reliġjużi, filwaqt li jieħdu ħsieb l-ordni pubbliku fi ħdan il-komunità u l-parteċipazzjoni tal-Lhud fl-armata.

Wara t-telfa ta' Napuljun u l-Kungress ta' Vjenna fl-1814-1815 il-mappa tal-Ewropa nbidlet. Il-konfederazzjoni Ġermanika, wara ftit snin ta' atteġġjament anti-Lhudi, li kien reazzjoni kontra r-rivoluzzjoni Franċiża tal-1848, li ispirat rivoluzzjonijiet fil-Prussja, l-Awstrija, l-Ungerija, l-Italja u l-Boemja, adottat politika aktar liberali sakemm l-emanċipazzjoni sħiħa tal-Lhud saret realtà fl-1871, meta l-Germanja kollha saret Reich immexxija

mid-dinastija Hohenzollern. Wara l-imsemmi Kungress il-Lhud fil-Polonja ġew taħt ir-Russi. Fil-bidu Katerina l-Kbira wriet tolleranza lejn il-Lhud. Iżda fis-sena 1791 ipprojbiet lil-Lhud joqogħdu fir-Russja Ċentrali. Ħafna nġabru fin-Nofsinhar tal-Ukrajna u aktar tard fi Kiev. Alessandru I (1801-1825), wara li ppermetta lil-Lhud joqogħdu f'territorju preċiż fil-Majjistral tar-Russja, magħruf bħala l-*Pale of Settlement*, nieda politika ta' deportazzjoni tal-Lhud mill-irħula għall-ibliet u ta' integrazzjoni permezz tal-konverżjoni tal-Lhud għal Kristjaneżmu. Nikol I (1821-1855) ried li s-subien Lhud jidħlu fl-armata għal 25 sena biex jaġevola l-konverżjoni tagħhom; nieda riforma fis-sistema edukattiva Lhudija, bi skejjel ġodda li ma kellhomx it-tagħlim tat-Talmud. Din ir-riforma sfat fix-xejn. Wara l-gwerra tal-Krimea tal-1853-1856, Alessandru II (1855-1881) ta l-libertà lill-merkanti Lhud, gradwati universitarji, nies tas-snajja', eks suldati u Lhud bid-diploma biex jgħixu barra l-*Pale of Settlement*. B'hekk twieldu komunitajiet Lhud f'Moska u San Pietru Burgu li tlaqqmu fil-ħajja ekonomika u professjonali tar-Russja.

Il-kuntest storiku taż-Żmien Imdawwal welled bosta ħassieba Lhud li taw kontribut kbir għat-tiġdid tal-Ġudajiżmu. Fosthom ta' min isemmi lil Baruk Spinoża (1632-1677) fl-Olanda li kiteb trattat jismu "Tractatus Theologico-Politicus". Hu ċaħad is-sintesi tal-fidi u r-raġuni taż-Żmien tan-Nofs; stqarr li l-profeti kellhom aktar intuwizzjonijiet morali milli l-verità teoretika u li t-Torah, frott diversi awturi, kienet għall-mases. Għal Spinoża r-reliġjon kellha toffri qafas għall-imġiba etika; hija l-filosofija li għandha tasal għall-verità. Sistema legali ma tistax issib l-għeruq tagħha fit-twemmin. Il-metafiżika tiegħu kienet mibnija fuq l-idea panteistika tan-natura.

Ir-riflessjoni razzjonali fuq kwistjonijiet teoloġiċi ta' Spinoża serviet bħala l-kuntest vitali tal-ħsieb filosofiku ta' wieħed mill-akbar filosfi Lhud ta' dan iż-żmien: Mosè Mendelssohn (1729-1786). Mendelssohn twieled Dessau u studja f'Berlin. Fl-istudji sekulari u reliġjużi tiegħu kien influwenzat ħafna mill-ħassieb Ġermaniż Gotthold Efrajm Lessing (1729-1781). Ippubblika bosta studji li fihom iddefenda l-eżiżtenza ta' Alla u l-ħolqien; emmen li r-raġuni umana kapaċi tasal għar-realtà ta' Alla, il-providenza divina u l-immortalità tar-ruħ. FL-1783 kiteb apoloġija għall-Ġudajiżmu, "On Religious Power and Judaism", li fiha insista li ebda istituzzjoni reliġjuża ma tista' ġġiegħel lil xi ħadd jemmen bilfors. Il-Ġudajiżmu, għal Mendelssohn, huwa differenti mir-reliġjon naturali, li twassal lill-bniedem jagħraf lil Alla, għax jinkludi fih liġi rivelata.

Irridu ngħidu li x-xogħol ta' Mendelssohn hu importanti għax għaqqad flimkien it-teiżmu filosofiku mat-tradizzjonaliżmu Lhudi u esprima x-xewqa li jmur lil hinn mill-ħajja magħluqa tal-*ghetto* u jidħol fil-kurrent kulturali tal-Ewropa tal-Lvant bħala Lhudi Osservant. Il-proċess ta' modernizzazzjoni tal-Ġudajiżmu wassal lil Mendelssohn jittraduċi t-Torah fil-lingwa Ġermaniża u jippubblika kummentarju fejn għaqqad it-tagħlim Lhudi mal-ħsieb sekulari.

Il-*Maskilim*, moviment ta' dixxipli ta' Mendelssohn fil-Prussja, komplew ħeġġew dan it-tip ta' modernizzazzjoni: wessgħu l-kurrikulu edukattiv Lhudi billi daħħlu suġġetti sekulari; ippubblikaw kotba għat-tagħlim bl-Ebrajk, waqqfu diversi skejjel u fl-1783 l-ewwel rivista ta' letteratura Lhudija, "The Gatherer". FL-1820 dan il-moviment ittrasferixxa ruħu fl-Awstrija. Twaqqfu żewġ ġurnali: "First Fruit of the Times" (1821-1832) u "Vineyard of Delight" (1833-1856). Fis-snin erbgħin tas-seklu XIX il-moviment xtered ukoll fir-Russja: kienu ppubblikati diversi kotba għat-tagħlim

u rivisti bl-Ebrajk. Fl-1863 twaqqfet is-Soċjetà għall-Promozzjoni tal-Kultura Fost il-Lhud tar-Russja.

Minkejja dan l-isforz kollu dawn il-ħassieba u kittieba Lhud moderni baqgħu fit-tarf tal-ħajja Lhudija; u dan għaliex tqiesu kemm bħala ħbieb tal-gvernijiet tal-Awstrija u tar-Russja, li riedu jirriformaw il-ħajja Lhudija, u kemm għaliex kienu kritiċi kbar tal-Ġudajiżmu Rabbiniku. Hawnhekk ta' min ifakkar ukoll li dan l-iżvilupp intelletwali fost il-Lhud kien diġà wassal għat-twaqqif ta' Soċjetà għall-Kultura u l-Istudji Akkademiċi tal-Ġudajiżmu. Il-ħassieba wara din is-Soċjetà riedu jistudjaw b'mod sistematiku l-istorja: riedu jaslu għall-għarfien veru tat-tradizzjoni Lhudija fl-istorja taċ-ċivilizzazzjoni tal-Punent. Dawn kienu nfluwenzati ħafna mill-Filosofija ta' Ħegel. Dan l-isforz, b'xorti ħażina, intemm ħesrem fl-1824.

Minkejja dan, irridu nistqarru, li kienu sewwasew dawn il-ħassieba kollha, bl-istudji u l-pubblikazzjonijiet tagħhom, li komplew ħejjew it-triq għar-riformi l-kbar tal-Ġudajiżmu tradizzjonali fl-epoka Moderna.

## Ir-Riforma

Ix-xewqa ta' aktar assimilazzjoni mal-kultura Ewropea nisslet f'bosta mexxejja Lhud il-ħeġġa għal riforma fi ħdan il-Ġudajiżmu. Fost dawn, minn tal-ewwel insibu lil Finanzier Israel Jacobson (1768-1828) li waqqaf diversi skejjel fil-Westfalja fejn stieden għalliema Nsara jgħallmu suġġetti sekulari. Il-kunsill Lhudi mmexxi minn Jacobson fassal ukoll diversi tibdiliet fil-kult tradizzjonali: talb bil-Ġermaniż u kant bil-korijiet. FL-1810 hu bena l-ewwel Tempju tar-Riforma f'Seesen, fil-Westfalja. Fl-1818 waqqaf Tempju tar-Riforma f'Berlin li fih it-talb u l-priedki kienu jsiru bil-Ġermaniż u l-kant kien isir bl-orgni. Il-ħidma ta' Jacobson esprimiet ix-xewqa tar-Riforma li kienet ikkritikata bl-aħrax mil-Lhud Ortodossi li ddefendew il-Ġudajiżmu u l-espressjoni tradizzjonali tal-kult tiegħu. Fost il-kritiċi nistgħu nsemmu lil Sansun Rafel Hirsch (1808-1888) li studja fl-Università ta' Bonn; ta' 22 sena nħatar Kap Rabbi tad-Dukat ta' Oldenburg. FL-1836 iddefenda l-wirt tradizzjonali tal-Ġudajiżmu fid-Dsatax-il Ittra fuq il-Ġudajiżmu. Ikkritika lill-moviment tar-Riforma li, fil-fehma tiegħu, kien qed jaħdem aktar għaċ-ċittadinanza sħiħa u l-assimilazzjoni li ġġib il-prosperità milli għall-ħarsien tar-rieda ta' Alla li jwassal għall-għajxien ta' ħajja reliġjuża, li biha l-Lhud huma xhieda messjanika tal-fratellanza universali.

Minkejja l-kritika, il-mewġa tar-Riforma baqgħet tikber: bosta rabbini Ġermaniżi bdew jgħaddu t-tradizzjoni Lhudija mill-għarbiel u ħassieba kbar bħal Leopold Zunz (1794-1886) komplew ħeġġew in-nirien tal-bidla li xprunaw il-Ġudajiżmu tar-Riforma jixtered ma' diversi pajjiżi.

Fl-1842 twaqqfet is-Soċjetà tal-Ħbieb tar-Riforma fi Frankfurt. Din is-Soċjetà stqarret li l-moviment tar-Riforma jsib ir-raġuni tal-esiżtenza tiegħu fil-fatt li l-fidi Lhudija tikber u timxi dejjem 'il quddiem. Ċaħdet l-awtorità tal-kodiċi legali, it-twemmin fil-fidi messjanika, riedet tneħħi r-rit taċ-ċirkonċiżjoni, meqjus bħala att barbaru. Fl-1844 twaqqfet l-Assoċjazzjoni għar-Riforma tal-Ġudajiżmu f'Berlin taħt it-tmexxija ta' Samwel Holdheim (1806-1860) li sejħet għal bidla kbira fil-Ġudajiżmu tradizzjonali.

L-ewwel sinodu tar-Riforma sar Brunswick fl-1844; it-tieni fi Frankfurt fl-1845 u t-tielet fi Breslau fl-1846. Fost ħwejjeġ oħra r-riformaturi riedu tibdil fil-preċetti tas-Sibt u tal-ikel, talbu li l-kunċett tar-ritorn lejn Israel u x-xewqa għal stat Lhudi jitneħħew mill-ktieb tat-talb. Fl-1868 erbgħa u għoxrin Rabbi ltaqgħu f'Kasel biex iqiegħdu s-sisien għall-konferenza sinodali tar-rabbini, mgħallma u mexxejjeja tal-komunitajiet. Sena wara ltaqgħu aktar

minn tmenin kongregazzjoni tar-Riforma f'Leipżig, u sentejn wara f'Augsburg.

Fl-1824, xi Lhud f'Charleston, fin-Nofsinhar tal-Karolina, riedu jdaħħlu r-riformi fil-kult tat-Tempju ta' Hamburg. Qabel u wara l-1848 bosta riformaturi emigraw lejn l-Amerka u waqqfu tliet kongregazzjonijiet Ġermaniżi fil-belt ta' New York. Fl-1845 iltaqgħet il-Kongregazzjoni Emanuel li daħħlet bosta riformi fil-kult Lhudi.

Fost ir-riformaturi l-aktar imsemmija fl-Amerka nsibu lil David Einhorn tal-Kongregazzjoni *Har Sinaj* f'Baltimore, Samwel Adler u Gustave Gottheel tat-Tempju *Emanuel* fi New York, u Izaak Mayer Wise (1819-1900) li ppubblika l-ktieb tat-talb tar-Riforma u diversi gazzetti Lhud. Dan waqqaf il-*Hebrew College*, Seminarju Rabbiniku tar-Riforma, fl-1875. L-ewwel konferenza tar-rabbini Amerikani tar-Riforma saret f'Filadelfja fl-1869; fl-1873 twaqqfet l-Unjoni tal-Kongregazzjonijiet Lhud Amerikani. Il-prinċipji tal-Gudajiżmu tar-Riforma Amerikan nġabru f'laqgħa tar-Rabbini tar-Riforma f'Pittsburgh. Din il-ġabra ta' prinċipji ssejħet *Pittsburgh Platform*.

Parallel mat-tnedija u l-iżvilupp tar-Riforma nsibu dak tal-Ġudajiżmu Konservattiv. FL-1845, Żakkarija Frankel (1801-1875) infatam mir-riformaturi miġbura fi Frankfurt li ma nsistewx fuq l-użu tal-Ebrajk fil-kult. Frankel sar kap ta' Seminarju Lhudi fi Breslau filwaqt li dawk li ħasbuha bħalu, fl-1887, waqqfu is-Seminarju Teoloġiku Lhudi fi New York. Aktar tard dan tmexxa minn Salamun Schechter li għaġen flimkien it-tradizzjonaliżmu Lhudi mal-impenn għal studju xjentifiku tal-Ġudajiżmu. Kien Schechter li nsista fuq it-twaqqif ta' għaqda bejn kongregazzjonijiet ta' dan l-hekk imsejjaħ Ġudajiżmu Konservattiv.

Wara dan it-tqanqil intelletwali u kulturali tas-seklu XIX kien hemm, bħal dejjem, diversi ħassieba Lhud. Fosthom ta' min isemmi lil Abraham Geiger li kien rabbi u studja l-Ġudajiżmu b'mod xjentifiku. Fl-1832 kien rabbi f'Wiesbaden u fl-1838 fi Breslau. Kien editur tas-*Scientific Journal for Jewish Theology*. Bil-kitbiet tiegħu ried jagħti preżentazzjoni teoloġika ċara tal-Ġudajiżmu bħala reliġjon mibnija fuq il-fidi msejsa fuq fiduċja f'dak li jmexxi l-univers u fir-rwol tal-Lhud li jipprattikaw il-ġustizzja u l-ħniena. Geiger stqarr li l-evoluzzjoni tal-istorja Lhudija għaddiet minn erba' perjodi ta' żvilupp: il-Ġudajiżmu bħala rivelazzjoni ta' kunċetti morali u spiritwali, iż-żmien tat-tradizzjoni li fih kienet interpretata l-Bibbja, iż-żmien tal-legaliżmu li ġie wara u li ntemm bil-ġabra tat-Talmud u ż-żmien tal-istudju kritiku permezz tar-riċerka storika li jżomm dak li hu essenzjali fil-Ġudajiżmu u jwarrab dak li mhux. Geiger kien konvint li l-Ġudajiżmu kien is-sistema reliġjuża ideali għaż-żmien modern.

Heinrich Graetz (1817-1891), fil-ktieb tiegħu "History of the Jews", qasam l-istorja tal-Ġudajiżmu f'tliet iżmna: mid-dħul fl-art imwiegħda sal-qerda tal-ewwel Tempju fis-sena 586 QEK, mill-eżilju sas-sena 70 EK, u żmien id-dijaspora li fiha l-Lhud ippruvaw jaslu għal perfezzjoni intelletwali fir-razzjonalizzazzjoni tal-fidi tagħhom.

Wieħed jista' jsemmi wkoll lil Salamun Formstecher (1801-1889) li fl-1841 ippubblika l-ktieb "The Religion of the Spirit"; ir-Rabbi tar-Riforma Samwel Hirsch (1815-1889) li fl-1842 ippubblika l-ktieb "The Religious Philosophy of the Jews"; u Salamun Ludwig Steinheim (1789-1888) li kiteb il-ktieb "Revelation of the Doctrine of the Synagogue". Dawn kollha jixhdu għal sforz ta' integrazzjoni tal-ħsieb filosofiku Ġermaniż mal-mod kif huma ħarsu lejn il-Ġudajiżmu.

## Anti-Semitiżmu u Żijoniżmu

Wara l-1870 n-nazzjonaliżmu qawwi fl-Ewropa rawwem l-anti-semitiżmu mlaqqam f'duttrina razzjali miftum mis-sentiment anti-reliġjuż storiku. Il-Lhud bdew jitqiesu bħala razza li ħonqu l-idealiżmu mis-soċjetà u ddominaw il-kummerċ u l-ħajja kulturali.

Fil-Ġermanja, fl-1878, Adolf Stoecker waqqaf Partit Soċjali Kristjan fuq bażi anti-semitika. Hu akkuża lil-Lhud li kienu ħatfu f'idejhom l-istampa u l-istituzzjonijiet finanzjarji. Fl-1881 Eugen Durhing stqarr li r-razza Lhudija kienet theddida bioloġika għall-Ġermanja. Fl-istess sena nġabru 225,000 firma biex titwaqqaf l-immigrazzjoni Lhudija. Fl-1882 tlaqqgħet konferenza internazzjonali anti-semitika. Sal-aħħar tas-seklu Karl Luegar mexxa partit politiku li rebaħ il-poter fuq sentiment anti-Lhudi.

Fi Franza baqa' msemmi l-każ tal-Lhudi Alfred Dreyfus li kien mixli inġustament bi tradiment u tkeċċa mill-armata. Anki jekk aktar tard irċieva l-maħfra, il-Lhud fehmu li dan l-episodju ikrah kien espressjoni ta' anti-semitiżmu jiġri fid-demm tal-Ewropa.

Fir-Russja l-anti-semitiżmu sar politika uffiċjali tal-istat. Wara l-qtil ta' Alessandru II bosta persekuzzjonijiet laqtu lil-Lhud fin-Nofsinhar tal-Ukrajna: mhux biss kienu misruqa u raw il-proprjetà tagħhom meqruda imma aktar tard kienu wkoll imposti kwoti fuq it-tfal li setgħu jmorru l-iskola, l-università u jidħlu fil-professjonijiet. Tkeċċew 20,000 Lhudi minn Moska u s-snin sal-1907 kienu snin koroħ ħafna. Fl-1907, l-Unjoni tal-Poplu Russu, partit politiku lemini, beda kampanja ta' propaganda anti-semitika.

Sadattant baqgħu jixterdu ideat anti-semitiċi bil-pubblikazzjoni tal-"Protocols of the Elders of Zion" u tal-"Foundations of the Nineteenth Century", ta' Houston Stewart Chamberlain li eżalta r-razza superjuri Arjana kontra r-razza tas-Semiti parassiti.

Din is-sitwazzjoni fl-Ewropa mhux biss wasslet għall-emigrazzjoni tal-Lhud lejn l-Istati Uniti, u wħud minnhom lejn il-Palestina, imma xettlet il-Moviment Żijonista. Fi kliem Leon Pinsker (1821-1891), tabib Lhudi mir-Russja, fil-pubblikazzjoni "Autoemancipation", il-ħelsien tal-Lhud seta' jasal biss b'mod sħiħ bit-twaqqif ta' stat Lhudi.

Huwa Theodor Herzl (1860-1904) li jitqies bħala l-fundatur tal-Moviment Żijonista. Fil-bidu Herzl, li twieled bħala suddittu tal-Imperu Awstro-Ungariku, kien favur l-assimilazzjoni sħiħa tal-Lhud fil-pajjiżi fejn twieldu u kienu jgħixu. Iżda l-ġrajja ta' Dreyfus fi Franza biddlet radikalment il-fehma tiegħu. Ġabar flimkien dawk li bħalu kienu jemmnu fit-twaqqif ta' stat Lhudi magħruf mil-liġi internazzjonali u fl-1897 organizza l-ewwel Kungress Żijonista f'Basle, fl-Iżvizzera. Herzl kien jemmen fid-diplomazija: meta n-negozjati mas-Sultan tal-Imperu Ottoman għat-twaaqif ta' stat Lhudi fil-Palestina ma waslu mkien, huwa ltaqa' ma' Chamberlain, is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Kolonjali tal-Imperu Britanniku. Fl-1903 Chamberalin offra l-possibbiltà li l-istat Lhudi jitwaqqaf fl-Uganda bħala pass temporanju: proposta li aktar tard kienet irtirata mill-Ingliżi u li qassmet l-Organizzazzjoni Dinjija taż-Żijoniżmu. Herzl miet fl-1904 u warajh laħaq David Wolffsohn (1856-1914): l-Organizzazzjoni nsistiet fuq ir-ritorn tal-Lhud fil-Palestina u l-qawmien mill-ġdid tal-ilsien Ebrajk.

Sadattant tkompliet il-migrazzjoni lejn il-Palestina bit-twaqqif ta' bosta kolonji agrikoli, li sal-1917 waslet biex il-popolazzjoni Lhudija hemmhekk tilħaq id-90,000. Din il-migrazzjoni kienet frott iż-Żijoniżmu prattiku ta' ħafna Lhud,

speċjalment mir-Russja, li ma setgħux jistennew r-riżultati taż-Żjoniżmu politiko-diplomatiku. Din il-migrazzjoni lejn il-Palestina u l-ħidma tal-art ħeġġiġha Aaron David Gordon (1856-1922), li ta raġuni reliġjuża għall-ħidma tal-art permezz tal-biedja fl-art imqaddsa, u l-ideat soċjalisti ta' Naħman Sirkin (1867-1924) u Ber Borokov (1881-1917) li kellhom influwenza fuq David Bin Gurjon (1886-1973), li aktar tard kellu jsir prim ministru tal-Istat ta' Israel.

Irridu wkoll inżommu quddiem għajnejna li bejn l-1881 u 1914 emigraw 750,000 Lhudi mill-Ewropa tal-Lvant: 350,000 emigraw lejn l-Ewropa Kontinentali, 200,000 marru lejn l-Ingilterra, 100,000 lejn il-Kanada u 2,000,000 lejn l-Istati Uniti. Il-Lhud li kienu emigraw snin qabel mill-Ġermanja lejn l-Istati Uniti ħadmu biex dawn li ġew mill-Ewropa tal-Lvant jassimilaw aħjar u jidħlu fil-movimenti tar-Riformaturi. Fl-1902 reġgħu taw ħajja ġdida lis-Seminarju Teoloġiku Lhudi biex iħejju rabbini skont l-ispirtu ta' Żakkarija Frankl. Taħt it-tmexxija ta' Salamun Schechter dan is-seminarju sar iċ-ċentru tal-Ġudajiżmu Konservattiv, li fl-isforz li jħares il-wirt Lhudi, appella ħafna lill-immigrati l-ġodda.

Il-Lhud Ġermaniżi waqqfu wkoll il-Kumitat Amministrattiv Lhudi biex bih iħeġġu lill-Gvern Amerikan jaħdem favur il-Lhud ippersegwitati f'pajjiżi oħra u l-Lega Anti-Diffamazzjoni biex tissielet kontra l-anti-semitiżmu fl-Istati Uniti. Wara li faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija l-immigrazzjoni Lhudija naqset sewwa. Fl-1921 u l-1924 saru anki liġijiet li llimitaw ħafna din l-immigrazzjoni Lhudija.

Fl-Ewwel Gwerra Dinjija l-Lhud ġġieldu fuq in-naħa tal-Alleati. Fl-1917, wara l-waqgħa tal-Kżar, il-gvern Russu neħħa kull diskriminazzjoni kontra l-Lhud, anki jekk fit-taqbida għall-Ukrajna, inqatlu bejn 100,000 u 150,000 Lhudi. Wara din il-gwerra kien hemm aktar minn 3,000,000 Lhudi fil-Polonja, 445,000 fl-Ungerija, 850,000 fir-Rumanija taż-żmien, 95,000 fil-Latvja, 115,000 fil-Litwanja, 375,000 fiċ-Ċekoslovakja, 191,000 fl-Awstrija, 68,000 fil-Jugoslavja, 48,000 fil-Bulgarija u 73,000 fil-Greċja.

Minkejja li l-ħajja Lhudija reġgħet ħadet il-ħajja, is-sentimenti anti-semitiċi baqgħu jserrpu fl-imħuħ u fil-politika konkreta, sentimenti li kienu qed iħejju t-tiswir sħiħ ta' ideoloġija perversa li riedet teqred il-komunitajiet Lhud tal-Ewropa kollha. Mhux ta' b'xejn li l-Lhud kellhom għajnejhom fuq il-Palestina.

Sadattant il-Lhud fil-Palestina, li mill-1917 kienet għaddiet taħt il-Mandat Britanniku, waqqfu Assemblea Nazzjonali u Kunsill Eżekuttiv. Sal-1939 il-popolazzjoni Lhudija kienet tgħodd 500,000 persuna, b'233 kooperattiva agrikola u b'komunitajiet f'Tel Aviv, Ġerusalemm u Haifa. Il-popolazzjoni Għarbija kienet tgħodd kważi miljun ruħ. Fl-1929, wara rvell tal-Għarab kontra l-Lhud fuq kwistjoni ta' aċċess lejn il-Ħajt tal-Punent, l-Ingliżi naqqsu ħafna l-immigrazzjoni Lhudija lejn il-Palestina. Fis-snin tletin id-diversi għaqdiet tal-ħaddiema Lhud waqqfu l-Partit Laburista fil-Palestina; il-moviment Reviżjonista nfatam mill-Moviment Żijonista u waqqaf milizja proprja, differenti mill-milizja Lhudija magħrufa bħala *Haganah*. Fl-1936 l-Għarab tal-Palestina, bl-għajnuna tas-Sirja, l-Eġittu u l-Iraq, issieltu kontra l-Lhud u l-Għarab moderati. Inkwiet li wassal lill-Ingliżi jipproponu, fl-1937, il-ħolqien ta' żewġ stati fil-Palestina, wieħed Lhudi u l-ieħor Għarbi, proposta milqugħa miż-Żijonisti imma miċħuda mill-Għarab u aktar tard, fl-1939, mill-Ingliżi stess. Dawn illimitaw l-immigrazzjoni Lhudija għal 75,000 u ppproponew l-indipendenza tal-Palestina fi żmien għaxar snin.

Kien żmien relattivament tajjeb għal-Lhud fit-Tramuntana tal-Afrika taħt

il-Franċiżi, tal-Lhud fl-Eġittu u fl-Indja taħt l-Ingliżi, tal-Lhud fl-Iraq, fil-Kawkasu, f'Ġeorġja u f'Bukhara, u tal-Lhud fit-Turkija.

## L-Ideoloġija Nażista u l-Olokawst

Id-dipressjoni ekonomika tal-1930-1932 ħolqot qagħad kbir fil-Ġermanja. Nibtu diversi partiti politiċi. Nibtu diversi partiti estremisti, fosthom il-Partit Nazzjonal-Soċjalista, Nażi, ta' Adolf Hitler (1889-1945) li ssejjaħ biex imexxi l-gvern. Il-Partit Nażista kien mibni fuq bażi ta' nazzjonaliżmu Ġermaniż, anti-kapitaliżmu u anti-semitiżmu. Skont Hitler kien tort tal-Lhud li l-Ġermaniżi tilfu l-Ewwel Gwerra Dinjija u waslu għall-waqgħa ekonomika u kuturali ta' wara l-gwerra. Ried iwaqqaf imperu bis-supremazija tar-razza Arjana.

Fl-1933 tneħħew il-partiti politiċi u t-trejd unjons; kienu arrestati ħassieba u xjentisti dissidenti. Il-Lhud tneħħew mis-servizz ċivili u mediku u mill-istituzzjonijiet edukattivi u kulturali. Il-Liġijiet ta' Nuremberg tal-1935 għamlu mil-Lhud ċittadini tat-tieni klassi; fl-1938 il-Kunsilli Lhud tqiegħdu taħt il-Gestapo u l-Lhud kienu obbligati jirreġistraw il-proprjetà tagħhom. Aktar tard fis-sena l-Partit Nażista organizza lejla, orġja ta' qerda tal-Lhud u l-proprjetajiet tagħhom, li baqgħet tissejjaħ *Kristallnacht*.

Il-politika tal-qerda tal-Lhud kompliet b'pass maħsub wara l-ieħor: minn Settembru 1939 il-Lhud kellhom ikunu ġewwa sat-8.00pm; ma setgħux jużaw la t-telefon u lanqas diversi mezzi ta' trasport; inqatgħu r-razzjonijiet tal-ikel u setgħu biss jixtru f'sigħat speċifiċi.

Il-Lhud bdew ikunu ddeportati bl-eluf jew mibgħuta fil-kampijiet tax-xogħol. Bl-invażjoni tar-Russja fuq l-għatba Herman Göring, fl-1940, qabbad lil Reinhard Heydrich iħejji pjan għas-Soluzzjoni Finali għall-Problema Lhudija. Heydrich ippreżenta l-pjan tiegħu fl-20 ta' Jannar 1942 u stqarr li l-unika alternattiva f'dak il-mument kienet il-qerda totali tal-Lhud.

Niftakru li Hitler kien diġà ħakem il-Polonja fl-1939 u ddeporta fiż-żona ċentrali 600,00 Lhudi li ttieħdu fil-kampijiet tax-xogħol: hemmhekk ħadmu bħala lsiera u kienu letteralment maqtula bix-xogħol. Eluf ta' Lhud kellhom jaħdmu fl-industrja Ġermaniża tal-armamenti. Bl-invażjoni tar-Russja fl-1941 Heydrich nieda l-qerda tal-massa tal-Lhud. Battaljuni ta' bejn l-400 u 900 suldati Ġermaniż, l-*Einsatzgruppen*, bdew jeqirdu l-Lhud tar-Russja.

Mill-4,500,000 Lhudi li kienu jgħixu fir-Russja, nofshom ħarbu qabel l-invażjoni Ġermaniża. Fl-ibliet u fl-irħula t-truppi ta' Heydrich kienu jiġbru l-Lhud fil-beraħ, jisparawlhom u jidfnuhom f'oqbra tal-massa. Bejn Ottubru u Diċembru 1941 inqatlu 300,000 Lhudi; matul l-1942 inqatlu aktar minn 900,000. Il-qerda ħraxet bl-użu ta' vannijiet tal-gass użati wkoll mill-*Einsatzgruppen* u l-organizzazzjoni tal-kampijiet tal-mewt.
Sitta mill-kampijiet tal-mewt kienu f'Chelmo, u Auschwitz, fit-territorju Polakki, u f'Treblinka, Sobibor, Majdanek u Belzec. F'Settembru tal-1941 intuża l-gass għall-ewwel darba f'Auschwitz; imbagħad f'Birkenau.

Il-qerda tal-Lhud fl-Ewropa tmexxiet minn Adolf Eichmann. FL-1942 huwa bagħat 100,000 Lhudi mill-Ġermanja, l-Awstrija u ċ-Ċekoslovakkja fil-Polonja fejn inqatlu bil-gass f'Belzec u Majdanek. Sal-1943 inqatlu 180,000 Lhudi mill-Ġermanja, 60,000 mill-Awstrija u 243,000 miċ-Ċekoslovakkja. 110,000 Lhudi mill-140,000 li kien hemm fl-Olanda nqerdu f'Auschwitz u Sobibor fis-snin 1941-1942. Fl-istess żmien inqatlu 25,000 mill-Belġju, 50,000 mill-Jugoslavja u 80,000 Lhudi mill-Ġreċja. Auschwitz sar iċ-ċentru tal-mewt: kien kamp li seta' jżomm

140,000 priġunier u l-ħames krematorji setgħu jaħarqu 100,000 ġisem kuljum! Dawk li ma nqatlux kienu jaħdmu 14-il siegħa kuljum.

Kien prattikament biss fil-Polonja li l-Lhud tal-getto ta' Varsavja, immexxija minn Mordekaj Anielewicsz, irvellaw kontra l-Ġermaniżi.

Mid-disgħa miljun Lhudi fl-Ewropa, in-Nażisti qerdu sitt miljuni! Biss biss fil-Polonja nqerdu 90 fil-mija u l-istess perċentaġġ inqerdu fil-Ġermanja, l-Awstrija u fl-Istati Baltiċi. Aktar minn 70 fil-mija mietu fis-Slovakkja, fil-Ġreċja, fil-Boemja u fl-Olanda. Aktar minn 50 fil-mija fir-Russja, fl-Ukrajna, fil-Belġu, fil-Jugoslvja, fir-Rumanija u n-Norveġja. In-numri maqtula fil-kampijiet tal-konċentrament u tal-mewt huma tal-waħx: 2,000,000 f'Auschwitz, 1,380,000 f'Majdanek, 800,000 f'Treblinka, 6,000,000 f'Belzec, 340,000 f'Chelmo u 250,000 f'Sobibor.

L-Olokawst kellu jkun l-enigma kbira ta' bosta Lhud li kellhom jiġu wara. Ħafna ħassieba Lhud irriflettew fuq dil-ġrajja hekk kerha u drammatika. Il-Filosfu Emil Fackenheim insista li mas-614 preċett Lhudi għandu jiżdied ieħor: il-Lhud ma għandhomx jagħtu rebħa wara l-mewt lil Hitler, u dan billi jaħdmu għas-sopravivenza tal-ħajja Lhudija. Il-Lhudi Ortodoss Elgħażar Berkovitz jirraġuna li l-Olokawst huwa parti mill-pjan inskrutabbli ta' Alla, li wera kemm Alla jirrispetta r-rieda ħielsa tal-bniedem. Ta' fehma opposta huwa Richard Rubinstein fil-ktieb tiegħu "After Auschwitz": dan jistqarr li l-Olokawst huwa ċ-ċaħda ta' Alla li huwa providenza u li jmexxi u jħares il-poplu l-magħżul. Għalih Alla huwa x-Xejn aħħari li lejh mexjin il-bnedmin kollha!

Ħassieba oħra Lhud influwenzaw il-Ġudajiżmu wara din il-ġrajja: fosthom Martin Buber (1878-1965), bil-ktieb tiegħu "I and Thou".

## It-Twaqqif tal-Istat ta' Israel

Il-ġrajjiet li seħħew, frott l-ideoloġija qerrieda Nażista, saħħew bis-sħiħ il-fehma tal-Lhud Żijonisti li jwaqqfu stat indipendenti Lhudi fil-Palestina. Minkejja li d-dikjarazzjoni ta' Lord Balfour, is-Segretarju tal-Istat Ingliż, fl-1917 kienet favur il-ħolqien ta' stat Lhudi fil-Palestina, il-White Paper tal-1939 ċaħdet din il-possibbiltà, tant li l-Ingliżi għamlu minn kollox biex iwaqqfu l-immigrazzjoni illegali Lhudija fil-Palestina.

Ir-Reviżjonisti Lhud, immexxija minn Menahem Begin, ħolqu fergħa militari magħrufa bħala *Irgun*. Grupp estremist Lhudi ieħor, magħruf bħala *Stern Gang*, waqqfu milizja oħra, li fis-6 ta' Novembru 1944 qatlet lil Lord Moyne, il-Ministru Britanniku għal-Lvant Nofsani,

Fid-29 ta' Ġunju 1946 l-Ingliżi arrestaw aktar minn 2,000 attivist Lhudi. Begin ikkonvinċa lill-milizja Lhudja *Haganah* biex tesplodi l-Lukanda King David, f'Ġerusalemm, fejn kien hemm l-amministrazzjoni Britannika. Seħħet straġi. Il-Gvern Ingliż, wara li l-proposta tiegħu li l-Palestina tinqasam fi tlieta ġiet miċħuda, għadda l-problema tal-Palestina lill-Ġnus Magħquda. F'April tal-1947 kienu mgħallqa tliet membri tal-*Irgun*: dan qajjem diversi rvellijiet tal-Lhud fl-ibliet Ingliżi. Dawn iddeċidew li jitilqu mill-Palestina.

Kien il-mument li fih il-President Amerikan Harry Truman ippropona l-ħolqien ta' stat Lhudi. Il-Ġnus Magħquda ddiskutiet il-problema tal-Palestina f'Mejju tal-1947 u ppubblikat żewġ rapporti: wieħed tal-maġġoranza li ppropona l-ħolqien ta' żewġ stati, wieħed Lhudi u l-ieħor Għarbi, u żona internazzjonali f'Ġerusalemm; u ieħor tal-minoranza, li ppropona l-ħolqien ta' stat federali wieħed. L-Assemblea tal-Ġnus Magħquda approvat l-ewwel proposta nhar id-29 ta' Novembru 1947. Kien il-mument li fih l-Għarab bdew

jattakkaw l-insedjamenti Lhud. Mietu aktar minn 1,000 Lhudi. Il-Lhud malajr organizzaw irwieħhom immexxija minn David ben Gurion, li ordna lill-*Haganah* tiddefendi lil-Lhud u tikkonsolida t-territorji mogħtija lilhom mill-Ġnus Magħquda. Fl-14 ta' Mejju 1948 Bin Gurjon ipproklama t-twaqqif tal-Istat ta' Israel.

Hekk insibu miktub fl-Iskroll tal-Indipendenza: "L-art ta' Israel hija art twelid il-poplu Lhudi. Hawnhekk issawret l-identità spiritwali, reliġjuża u nazzjonali tiegħu. Hawnhekk kisbu l-indipendenza u ħolqu kultura ta' sinifikat nazzjonali u universali. Hawnhekk kitbu u taw il-Bibbja lid-dinja. Eżiljati mill-Palestina, il-poplu Lhudi baqa' marbut fedelment ma' din l-art fil-pajjiżi kollha tad-dispersjoni; qatt ma waqfu jitolbu u jittamaw li jerġgħu lura u jerġgħu jgħixu fil-ħelsien nazzjonali. Xprunati minn din ir-rabta storika, il-Lhud ħadmu matul is-sekli biex jerġgħu lura lejn art missirijiethom u jwaqqfu mill-ġdid l-Istat tagħhom. F'dawn l-aħħar għexieren ta' snin reġgħu lura fil-massa. Taw ħajja lid-deżert, qajmu mill-ġdid l-ilsien tagħhom, bnew bliet u rħula għall-komunità li kibret b'ħajja ekonomika u kulturali proprja.
Fittxu l-paċi u kienu lesti jiddefendu rwieħhom. Ġabu magħhom il-barkiet tal-progress għal kull min jgħix f'din l-art. Fl-1887 l-ewwel Kungress Żijonista, ispirat mill-viżjoni ta' Stat Lhudi ta' Theodor Herzl, stqarr id-dritt tal-poplu Lhudi għal ħajja ġdida f'pajjiż proprju tagħhom. Dan id-dritt ġie magħruf mid-Dikjarazzjoni Balfour tat-2 ta' Novembru 1917 u mwettaq bil-Mandat tal-Lega tal-Ġnus, li tat għarfien internazzjonali għar-rabta tal-poplu Lhudi mal-Palestina u d-dritt li jerġgħu jwaqqfu nazzjon. L-Olokawst Nażista, li qered miljuni ta' Lhud fl-Ewropa, wera mill-ġdid l-urġenza tal-Istat Lhudi, li kellu jħoll il-problema ta' nuqqas ta' pajjiż li jilqa' lil-Lhud u jagħmel minnhom nazzjon ugwali fil-familja tan-nazzjonijiet. Fid-29 ta' Novembru 1947 l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda adottat Riżoluzzjoni għat-twaqqif ta' Stat Lhudi indipendenti fil-Palestina, u sejjaħ biex dawk kollha li jgħixu f'din l-art jieħdu l-passi meħtieġa biex dan il-pjan iseħħ.
Dan l-għarfien tal-Ġnus Magħquda biex il-Lhud iwaqqfu stat indipendenti ma jistax ikun revokat.
Huwa dritt evidenti minnu nnifsu li l-poplu Lhudi jkun nazzjon, bħal kull nazzjoni ieħor, bl-istat sovran tiegħu. Għalhekk, aħna, il-membri tal-Kunsill Nazzjonali, bħala rappreżentanti tal-poplu Lhudi fil-Palestina u l-moviment Żijonista tad-dinja, iltqajna f'assemblea solenni illum, il-jum ta' tmiem il-Mandat Britanniku fil-Palestina, u bil-qawwa tad-dritt nazzjonali u storiku tal-poplu Lhudi u tar-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, nipproklamaw it-twaqqif tal-Istat Lhudi fil-Palestina, li se jissejjaħ Israel."

Mal-formazzjoni tal-ewwel gvern bdew l-ewwel attakki mill-ajru Eġizzjani u l-attakk tal-armati Għarab. Il-Lhud għaddew biex ħadu f'idejhom Lidda, Ramleh, Nazaret u Birsaba. Ħafna Għarab tal-Palestina saru rifuġjati: 650,000 ħarbu mill-qilla tal-gwerra. 280,000 ħarbu għax-Xatt tal-Punent, 70,000 ħarbu lejn il-Ġordanja, 100,000 marru fil-Libanu, 4,000 fl-Iraq, 75,000 fis-Sirja, 7,000 fl-Eġittu u 190,000 lejn l-Istrixxa ta' Gaża. L-Indipendenza tal-Istat Lhudi kien 'il-katastrofi – *al-Naqba*' għall-Għarab li wara sekli fil-Palestina, kellhom jaħarbu minn arthom. Kienu dawn il-ġrajjiet li welldu l-Organizzazzjoni għall-Ħelsien tal-Palestina mmexxija minn Yasser Arafat.

Fl-1967 Gamal Abdel Nasser tal-Eġittu reġa' beda offensiva oħra kontra Israel u kaxkar miegħu lill-Ġordanja u s-Sirja. F'din il-gwerra, li damet biss sitt ijiem, Israel ħa f'idejh il-Belt il-Qadima ta' Ġerusalemm, ix-Xatt tal-Punent, l-Għoljiet tal-Golan u l-Peniżula tas-Sinaj.

Fil-festa Lhudija ta' *Jom Kippur*, fis-6 ta' Ottubru 1973, Anwar Sadat tal-Eġittu, flimkien ma' Assad tas-Sirja, reġa' attakka lil Israel u qered ħafna mill-qawwa tal-ajru tal-armata ta' Israel. Il-Lhud setgħu setgħu jdawru s-sitwazzjoni favurihom bl-għajnuna ta' Richard Nixon, il-President tal-Istati Uniti, li bagħat l-armamenti. Nhar l-24 ta' Ottubru sar il-waqfien mill-ġlied.

F'Mejju tal-1977 Menahem Begin, mexxej tal-Partit *Likud*, sar prim ministru tal-Istat ta' Israel u laqa' l-offerta ta' Sadat għal taħditiet favur il-paċi. Il-paċi bejn l-Istat ta' Israel u l-Eġittu kienet iffirmata f'*Camp David*, taħt il-Presidenza Amerikana ta' Jimmy Carter: L-Eġittu għaraf id-dritt għall-esiżtenza tal-Istat ta' Israel li mpenja ruħu li jagħti lura lill-Eġittu l-peniżula tas-Sinaj u jinnegozja t-tluq mix-Xatt tal-Punent u trattat ta' paċi kumplimentari mal-Palestinjai u popli Għarab oħra. Il-Palestinjani caħdu dan it-trattat.

Fis-6 ta' Ġunju offensiva qalila tal-Istat ta' Israel fin-Nofsinhar tal-Libanu ħalliet ħafna Palestinjani mejta. Ma' dan inżidu l-fatt li fl-istess waqt inqatlu ħafna refuġjati Musulmani mill-Falanġisti Nsara fil-kampijiet ta' Sabra u Xatila nhar is-16 ta' Settembru 1982.

Fl-1987 il-Palestinjani fix-Xatt tal-Punent u f'Gaża bdew l-ewwel *intifada* kontra l-amministrazzjoni militari Lhudija. L-*Intifada* li b'xi mod waslet għall-Ftehim ta' Paċi ta' Oslo fl-1993, bejn Rabin bħala prim ministru tal-Istat ta' Israel u Yasser Arafat, il-kap storiku tal-Organizzazzjoni għall-Ħelsien tal-Palestina. Il-Palestinjani għarfu d-dritt tal-esiżtenza tal-Istat Lhudi u l-Lhud għarfu d-dritt tal-awtonomija tal-Palestinjani; għarfu t-twaqqif tal-Awtorità Palestinjana f'diversi bliet u żoni. Dan il-ftehim ta' paċi kellu jkun il-bidu ta' proċess twil ta' negozjati li kellhom iwasslu għal twaqqif ta' stat indipendenti Palestinjan. Negozjati li, tajjeb jew ħażin, b'*intifada* oħra u bi ġlied fin-Nofsinhar tal-Libanu u Gaża, għadhom għaddejin b'xi mod sal-ġurnata tal-lum.

It-twaqqif tal-Istat ta' Israel wassal ukoll għad-deċimazzjoni kważi totali tal-komunitajiet Lhud fit-Tramuntana tal-Afrika u fil-pajjiżi Għarab bl-emigrazzjoni tagħhom, ħafna drabi ta' bilfors, lejn Israel, l-Istati Uniti, l-Ingilterra u Franza.

Fl-Unjoni Sovjetika ddominata mill-Komuniżmu tkompliet tintuża politika anti-Lhudija. In-nazzjonaliżmu fid-diversi stati baqgħet ixxettel kultura u mentalità anti-semitika, anki saż-żminijiet tal-*glasnost* taħt Gorbachev. Kien mis-snin tmenin sal-aħħar tas-seklu XX li eluf ta' Lhud mill-eks Unjoni Sovjetika emigraw lejn l-Istat ta' Israel.

Fl-Istati Uniti d-diversi moviment tal-Ġudajiżmu ssaħħu bis-sħiħ: il-moviment tar-Riforma nfetaħ għar-realtà ġdida tal-Istat Lhudi u sseddqet il-fergħa aktar tradizzjonali tiegħu, anki jekk wasal biex jibda jordna rabbini nisa u jagħraf l-identità Lhudija tal-ulied li missierhom biss kien Lhudi. Anki l-moviment Konservattiv, wara snin ta' diviżjoni, għandu rabbini nisa. Minn dan il-moviment ħareġ il-Ġudajiżmu Rikostruttiv, imwaqqaf minn Mordekaj Kaplan. Dan ma jżommx it-twemmin f'Alla personali u jqis il-Ġudajiżmu biss bħala espressjoni ta' ċivilizzazzjoni li titkompla fl-istituzzjoni tas-sinagoga. Fis-snin sittin Rabbi Sherwin Wine waqqaf il-Ġudajiżmu Umanistiku, li jara l-Ġudajiżmu biss bħala espressjoni ta' valuri umanistiċi, mingħajr it-twemmin f'Alla.

Anki fost il-Lhud Ortodossi u l-*Hasidim* dehru xi diviżjonijiet fuq il-kif wieħed għandu jgħix fil-kultura aktar liberali fl-Istati Uniti. Diviżjonijiet li bħal donnhom jispiċċaw fix-xejn quddiem l-impenn tagħhom lejn l-Istat ta' Israel li jgħaqqadhom bis-sħiħ.



# IT-TITLU TA’“BIN IL-BNIEDEM” FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Rev. Prof. Martin Micallef*

"Bin il-bniedem" (bil-Grieg: *ho huios tou anthropou*) huwa titlu li Ġesù japplika għalih innifsu fil-paġni tal-Evanġelju. Għalkemm dan it-titlu Kristoloġiku jissemma fl-Evanġelji kollha, hemm differenza fil-mod bejn kif l-Evanġelista San Ġwann u l-Evanġelji Sinottiċi fehmu u użaw dan it-titlu,[1] li l-isfond tiegħu huwa dak li naqraw fil-kapitlu 7 tal-Ktieb ta' Danjel. L-Evanġelji Sinottiċi jorbtu l-materjal li jitratta l-attività ta' Bin il-bniedem fuq din l-art mal-miġja tiegħu fil-futur bħala mħallef.[2] Għalkemm l-Evanġelista San Ġwann jurina li kien jaf b'dan u b'xi mod żamm traċċa tiegħu,[3] il-materjal dwar dan it-titlu Kristoloġiku f'dan Evanġelju jiġbor flimkien bosta ideat li jservu sabiex ikomplu joħroġu stampa unika tal-persuna ta' Ġesù. F'dan l-istudju sejrin inħarsu lejn il-mod kif l-Evanġelista San Ġwann jitratta t-titlu ta' "Bin il-bniedem" u x'tifsira għandu dan it-titlu bħala parti mill-Kristoloġija ta' dan l-Evanġelju.

## Ir-Referenzi għal Bin il-bniedem

Hemm tlettax-il test fl-Evanġelju skont San Ġwann li fihom insibu l-użu tat-titlu ta' "Bin il-bniedem," f'referenza għall-persuna ta' Ġesù Kristu.

Ġw 1:51 "Tassew tassew ngħidilkom, għad taraw is-sema miftuħ u l-anġli ta' Alla telgħin u niżlin fuq Bin il-bniedem."

Ġw 3:13 "Ħadd ma tela' s-sema ħlief Bin il-bniedem, li niżel mis-sema."

Ġw 3:14 "Kif Mosè rafa' s-serp fid-deżert, hekk jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-bniedem."

Ġw 5:27 "U tah ukoll is-setgħa li jagħmel ħaqq, għax hu Bin il-bniedem."

Ġw 6:27 "Tħabtu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem, dak li Bin il-bniedem jagħtikom."

Ġw 6:53 "Jekk ma tiklux il-ġisem ta' Bin il-bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom."

Ġw 6:62 "Mela xi tgħidu kieku kellkom taraw lil Bin il-bniedem tiela' fejn kien qabel?"

Ġw 8:28 "Meta terfgħu 'l fuq lil Bin il-bniedem, imbagħad tagħrfu li jiena hu u li minn rajja ma nagħmel xejn, imma li nitkellem skont ma għallimni l-Missier."

Ġw 9:35 "Ġesù sama' li keċċewh 'il barra; sabu u qallu: 'Temmen inti f›Bin il-bniedem?'"

Ġw 12:23 "Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat."

Ġw12:34c "Kif tiġi tgħidilna int li Bin il-bniedem għandu jintrefa'?"

Ġw 12:34d "U dan Bin il-bniedem min hu?"

Ġw 13:31-32 "Bin il-bniedem huwa gglorifikat issa, u permezz tiegħu huwa gglorifikat Alla. Jekk Alla huwa gglorifikat permezz ta' Bin il-bniedem, Alla wkoll permezz tiegħu nnifsu għad jigglorifika lilu, u dalwaqt jigglorifikah."

## Tifsiriet Messjaniċi f'rabta mat-titlu ta' Bin il-Bniedem

It-titlu Bin il-bniedem jassumi tifsira messjanika fil-bidunett ta' dan l-Evanġelju fejn naqraw is-sejħa tal-ewwel dixxipli.[4] Hawn naqraw l-istqarrija li jagħmel Natanjel meta lil Ġesù jgħidlu: "Rabbi, inti l-Iben ta' Alla, inti s-Sultan ta' Israel!"[5] Ġesù jwieġeb b'dan il-kliem: "Tassew tassew ngħidilkom, għad taraw is-sema miftuħ u l-anġli ta' Alla telgħin u niżlin fuq Bin il-bniedem."[6] Hawnhekk naraw kif San Ġwann jippreżenta t-titlu ta' Bin il-bniedem bħala wieħed li qed jieħu post it-titlu ta' "Sultan ta' Israel."[7]

L-isfond tal-kliem ta' Ġesù hi l-ħolma li Ġakobb kellu f'Betel fejn ra sellum jistrieħ bejn is-sema u l-art u l-anġli ta' Alla kienu telgħin u niżlin fuqu.[8] Is-sellum issa kien qed jeħodlu postu "Bin il-bniedem." Jidher li din kienet idea ġdida fil-Ġudaiżmu ta' dak iż-

żmien, anke jekk fil-Midrash Lhudi din is-silta kienet interpretata b'modi differenti f'referenza għal "Israel."[9] Minħabba r-rabta ta' Bin il-bniedem mas-sema, stabbilita permezz tal-anġli, huwa jiġi ppreżentat hawn bħala l-post veru tar-rivelazzjoni divina. Din hi l-ogħla tifsira li biha dan l-Evanġelista jagħti lill-mod kif fehem it-titlu ta' Messija f'applikazzjoni għal Ġesù.[10] Il-fidi fil-Messija li nsibuha diġà tbaqbaq fis-sejħa tal-ewwel dixxipli,[11] issir aktar preċiża permezz tal-interprezzjoni li Ġesù nnifsu jagħti meta jsejjaħ lilu nnifsu bħala Bin il-bniedem. Il-Messija hu Bin il-bniedem, marbut mas-sema waqt li jinsab fuq l-art.

Xi studjużi jistaqsu jekk hawnhekk dan l-Evanġelista kienx qed juża dak li naqraw f'Mk 14:62 fejn Ġesù jwieġeb għall-mistoqsija dwar il-Messija fl-affermattiv: "Jiena hu, u intom għad taraw lil Bin il-bniedem bilqiegħda n-naħa tal-lemin tal-Qawwa u ġej fuq is-sħab tas-sema."[12] F'dan il-kliem, Ġesù li japplika għalih it-titlu ta' Bin il-bniedem, jippreżenta lilu nnifsu bħala dak li kellu jiġi bħala mħallef. Skont dawn l-istudjużi, jekk l-Evanġelista San Ġwann kellu din is-sentenza f'moħħu, allura jidher li huwa interpretaha mill-ġdid fil-linja tal-ħsieb tiegħu, fejn għalih il-ġudizzju mhuwiex xi ħaġa tal-futur imma tal-preżent.[13]

## Bin il-bniedem f'testi ta' polemika

Wara li Ġesù fejjaq raġel paralitiku f'jum is-Sibt,[14] naqraw kif fid-diskussjoni li ssegwi wara, Ġesù jenfasizza l-funzjoni doppja tiegħu bħala dak li jagħti l-ħajja, filwaqt li jafferma li għandu s-setgħa jagħmel il-ħaqq, minħabba li hu Bin il-bniedem. Dan jagħmlu f'paralleliżmu mal-Missier bl-użu tal-espressjoni "bħalma ... hekk ukoll" - "Għax *bħalma* l-Missier għandu l-ħajja fih innifsu, *hekk ukoll* ta lill-Iben li jkollu l-ħajja fih innifsu, u tah ukoll is-setgħa li jagħmel ħaqq, għax hu Bin il-bniedem."[15]

Jekk min-naħa din il-funzjoni ta' Bin il-bniedem bħal fil-każ tal-Evanġelji Sinottiċi, teħodna lura għall-figura messjanika ta' Dan 7:13,[16] min-naħa l-oħra, San Ġwann jgħaqqadha ma' element ġdid, għaliex il-ġudizzju (bil-Grieg: *krisi*) ta' Bin il-bniedem mhuwiex xi ħaġa li se sseħħ fil-futur, imma hu marbut mal-mument ta' "issa"/ tal-preżent: "Tassew tassew ngħidilkom li tiġi siegħa, anzi issa hi, meta l-mejtin jisimgħu l-leħen ta' l-Iben ta' Alla, u dawk li jisimgħuh jgħixu."[17] Quddiem Ġesù, li ma ġiex biex jiġġudika,[18] imma biex isalva,[19] il-bniedem irid jagħżel. Din l-għażla tinbidel f'ġudizzju negattiv jekk il-bniedem jirrifjuta li jemmen f'Ġesù, filwaqt li l-ġudizzju li jsir issa jinbidel għalih f'ħajja eterna/ salvazzjoni jekk jemmen f'Ġesù.[20]

## Bin il-bniedem fl-episodju tar-raġel għama mit-twelid

It-titlu ta' Bin il-bniedem f'rabta mat-tifsira messjanika nsibuh ukoll fl-episodju tal-għama mit-twelid,[21] episodju mibni b'arti u attenzjoni kbira, li fih aktar mill-miraklu, l-Evanġelista San Ġwann jagħti importanza lill-interrogazzjonijiet li l-awtoritajiet reliġjużi Lhud jagħmlu lil dak li kien għama, u lill-proċess gradwali tal-istqarrijiet ta' fidi tiegħu. F'dan kollu, il-qarrej jista' jinnota kif l-għama mid-dlam jgħaddi għad-dawl, filwaqt li dawk li kienu jgħidu li jaraw, jispiċċaw għomja spiritwalment. Dan kollu jwassal sabiex l-għama jitkeċċa 'l barra mis-singagoga. Ġesù jmur isibu u jistaqsih: "Temmen inti f'Bin il-bniedem?"[22] Għal din il-mistoqsija dak li kien għama jwieġeb permezz ta' mistoqsija oħra: "Min hu Mulej biex nemmen fih?"[23] Ġesù jispjegalu: "Mhux biss rajtu, imma huwa dak stess li qiegħed ikellmek."[24] Għal din it-tweġiba, l-għama jwieġeb bi stqarrija oħra: "Nemmen, Mulej."[25]

Din il-professjoni ta' fidi hija t-tweġiba għall-

identifikazzjoni ta' Ġesù bħala "Bin il-bniedem," titlu li kif rajna jassumi tifsira messjanika fid-dawl tat-teoloġija ta' dan l-Evanġelista li jippreżentalna lil Ġesù bħala l-Mibgħut tal-Missier. Imma mhux biss: is-silta tkompli tippreżentalna lil Bin il-bniedem permezz ta' lingwaġġ tal-ġudizzju li Ġesù jtenni kontra l-Fariżej: "Jiena ġejt fid-dinja biex nagħmel ħaqq, biex min ma jarax isir jara, u min jara jagħma."[26]

## Il-Festa tal-Għid u Bin il-bniedem

F'diversi testi oħra, ir-Raba' Evanġelju jgħaqqad it-titlu ta' Bin il-bniedem mal-misteru tal-Għid. Dan jagħmlu permezz tal-użu tal-lingwaġġ ta' elevazzjoni "terfa' 'l fuq" (bil-Grieg: *hypsoo);* tal-lingwaġġ ta' glorifikazzjoni (bil-Grieg: *doxazo);* u ta' kliem li jindika movimenti ta' nżul (bil-Grieg: *katabasis)* u ta' tlugħ (bil-Grieg: *anabasis).* Il-lingwaġġ ta' elevazzjoni/terfa' 'l fuq insibuh użat fi tliet testi uniċi ta' dan l-Evanġelju,[27] li sa ċertu punt nistgħu nqabbluhom mat-tliet tħabbiriet tal-passjoni li nsibu fl-Evanġelji Sinottiċi.[28]

L-ewwel test li fih jinkludi dan il-lingwaġġ ta' elevazzjoni/tlugħ 'il fuq, jagħmel parti mid-djalogu bejn Ġesù u Nikodemu. F'dan il-kuntest, Ġesù jgħid: "Kif Mosè *refa' (*bil-Grieg: *hypsosen)* is-serp fid-deżert, hekk jeħtieġ li jkun *merfugħ* (bil-Grieg: *hypsothenai*) Bin il-bniedem, biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem."[29] L-użu tal-verb "ikun merfugħ" hawn, jassumi tifsira doppja. L-Evanġelista San Ġwann juża dan il-verb biex ifisser il-mod fiżiku tal-kruċifissjoni ta' Ġesù. Imma fl-istess waqt, jużah ukoll f'rabta mal-glorifikazzjoni ta' Ġesù. B'hekk jurina li fil-ħsieb tiegħu, is-salib kien il-mezz li bih Bin il-bniedem seta' jkun merfugħ 'l fuq lejn is-sema, jiġifieri, il-mod kif Ġesù irritorna fil-glorja li kellu sa mill-bidu.[30] F'dan il-kliem, Ġesù jxebbah il-mewt tiegħu mal-irfigħ tas-serp fid-deżert, referenza li teħodna lura għal dak li naqraw fil-ktieb tan-Numri 21:4-9. Bħalma s-serp merfugħ fejjaq lil dawk li kienu qed jiġu migdumin bil-velenu tas-serp, hekk Ġesù, merfugħ fl-għoli fuq salib, kien se joffri r-rigal tal-ħajja ta' dejjem lil dawk kollha li jemmnu fih.

It-tieni referenza għat-tlugħ 'il fuq ta' Ġesù nsibuha fid-diskussjoni li tqum matul il-festa tal-Għerejjex, meta Ġesù jgħid lil-'Lhud': "Meta terfgħu 'l fuq lil Bin il-bniedem, imbagħad tagħrfu li jiena hu li jien ma nagħmel xejn minni nnifsu, imma nitkellem bħalma l-Missier għallimni."[31] L-Evanġelista San Ġwann hawnhekk huwa attent biex juri li r-rieda ta' Alla għal Ibnu Ġesù kellha titwettaq permezz tad-deċiżjoni tal-bnedmin li kkundannaw u qatlu lil Bin il-bniedem. Paradossalment, iżda, kienet id-deċiżjoni għall-mewt fuq is-salib, li biha Bin il-bniedem wera min tassew kien. Hekk turi l-espressjoni "Jiena hu," li għandha rabta mal-isem Divin.[32]

Fi Ġw 12:32 insibu l-aħħar użu tal-verb *hypsoo,* marbut mat-titlu ta' "Bin il-bniedem," meta naqraw dwar xi Griegi li xtaqu jaraw lil Ġesù.[33] L-Evanġelista jieħu din l-okkażjoni biex iħabbar li kienet waslet is-siegħa ta' Ġesù,[34] li fiha bħal ħabba tal-qamħ, huwa kellu jaqa' fl-art u jmut sabiex jagħti l-frott.[35] Dan kollu kellu jħalli żewġ effetti: l-ewwel "il-ġudizzju" tal-"prinċep ta' din id-dinja,"[36] figura tax-xitan; it-tieni, il-bnedmin kollha kellhom jinġibdu lejn Ġesù, kliem li jidwi dak li naqraw dwar il-Qaddej ta' Yahweh f'Isaija 53:6. F'din il-prospettiva, nistgħu nifhmu kif San Ġwann juża l-espressjoni ta' *tlugħ 'il fuq,* bħala inizjattiva tal-bniedem f'referenza għas-salib ta' Ġesù. Fil-fatt, hawnhekk għall-ewwel darba l-Evanġelista jispeċifika b'mod espliċitu s-sens veru tal-verb *hypsoo,* meta jispjega: "Qal dan biex juri b'liema mewt kellu jmut."[37]

F'dan kollu nistgħu nifhmu wkoll kif ix-xewqa tal-Griegi

biex jaraw lil Ġesù ma kinetx ser isseħħ b'mod immedjat, imma biss permezz tal-mewt ta' Ġesù. Dakinhar, il-bnedmin kollha setgħu jaraw is-salvazzjoni isseħħ, kif jispjega l-Evanġelista permezz tal-profezija ta' Żakkarija 12:10 li huwa jinkludi wara n-nifda tal-kustat: "qagħdu jħarsu lejn min nifdu."[38]

## L-inżul u t-tlugħ ta' Bin il-bniedem

F'dan l-Evanġelju niltaqgħu wkoll ma' testi oħra li jinkludu referenzi għal żewġ movimenti ta' Bin il-bniedem: movimenti ta' nżul (bil-Grieg: *katabasi*), u ta' tlugħ 'il fuq (bil-Grieg: *anabasi)*. L-Evanġelista San Ġwann jagħmel użu mill-iskema ta' *katabasi-anabasi* sabiex jesprimi t-tifsira divina tat-titlu ta' Bin il-bniedem bħala parti mill-Kristoloġija tiegħu.[39]

L-ewwel referenza nsibuha fi Ġw 3:13, fid-djalogu bejn Ġesù u Nikodemu, fejn Ġesù jgħidlu: "Ħadd qatt ma tela' s-sema, ħlief dak li niżel, Bin il-bniedem." Din l-asserzjoni tidher li ġġor magħha ton ta' polemika kontra xi twemmin dwar personaġġi fl-istorja ta' Israel li jingħad li telgħu fis-sema. Ġesù jafferma għalih l-esklussività dwar dan: huwa Bin il-bniedem biss li seta' jirritorna fis-sema, għaliex huwa ġie mis-sema.[40]

Fid-diskors dwar il-ħobż ħaj li jiddomina l-kapitlu 6 ta' dan l-Evanġelju, it-tliet referenzi għal Bin il-bniedem,[41] huma ppreżentati f'rabta mal-oriġini divini ta' Ġesù li niżel mis-sema. "Tassew tassew ngħidilkom, mhux Mosè takom il-ħobż mis-sema, iżda Missieri jagħtikom il-ħobż is-sema."[42] Dan il-ħobż ta' Alla huwa "il-ħobż tas-sema,"[43] referenza għal Bin il-bniedem, li fi 3:13 hu diġà muri bħala dak li niżel mis-sema. Dan huwa dak li kellu jitla' mill-ġdid fis-sema, fejn kien minn dejjem.[44] F'dan kollu, il-ħidma ta' Bin il-bniedem fuq din l-art hija murija b'żewġ modi: bħala xi ħaġa tal-futur – "Tħabtu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem, dak li Bin il-bniedem *se jagħtikom*";[45] u bħala xi ħaġa tal-preżent: "Mhux Mosè takhom il-ħobż mis-sema, iżda Missieri jagħtikom il-ħobż tassew mis-sema."[46]

Dan il-kliem ma ġiex milqugħ mid-dixxipli hekk kif ħassewh "iebes" (bil-Grieg: *skleros*).[47] Ġesù għalhekk jgħidilhom: "Mela xi tgħidu kieku kellkom taraw lil Bin il-bniedem tiela' fejn kien qabel?"[48] F'dan il-kliem, Ġesù juri li r-ritorn ta' Bin il-bniedem fis-sema kien se jkun waqt tassew kritiku għad-dixxipli; dan kellu jitwettaq permezz tal-passjoni u l-mewt tiegħu, il-mezz li bih Ġesù verament seta' jagħti ġismu biex nikluh, kliem li fit-tradizzjoni Kattolika huwa interpretat għall-Ewkaristija.

## L-Għid bħala l-glorifikazzjoni ta' Bin il-bniedem

It-tifsira tal-Għid ta' Bin il-bniedem tkompli permezz tal-użu tal-verb "tigglorifika" (bil-Grieg: *doxazo*), użat fi Ġw 12:28 u 13:31, b'tifsira doppja u f'referiment għall-ħidma tal-Missier, li fit-tbatija ta' Ibnu, wettaq is-salvazzjoni għall-bnedmin.[49] F'kelma oħra, l-Evanġelista San Ġwann jitkellem mill-glorifikazzjoni tal-Iben f'referenza għall-passjoni tiegħu, kif jidher ċar f'7:39a, fejn l-Evanġelista jinterpreta il-kliem profetiku ta' Ġesù bħala riferenza għall-Ispirtu u jikkonkludi bil-kumment: "Dan qalu għall-Ispirtu li kellhom jirċievu dawk li jemmnu fih, għax l-Ispirtu kien għad ma ngħatalhomx, billi Ġesù kien għadu ma ġiex igglorifikat."

L-idea tal-passjoni ta' Ġesù bħala ġrajja ta' glorifikazzjoni, insibuha użata wkoll fil-kuntest tal-aħħar ċena fejn l-Evanġelista jinforma li meta Ġuda telaq mill-kamra, "kien bil-lejl,"[50] filwaqt li jżid il-kliem ta' Ġesù: "Issa hu glorifikat Bin il-bniedem."[51] Jekk it-tradiment ta' Ġuda mela, seta' wera l-qawwa tad-"dlam" fuq "id-dawl," b'mod

paradossali, l-Evanġelista jeħodna lura għall-kliem tal-Prologu fejn diġà naqraw dwar ir-rebħa tad-dawl fuq id-dlam.[52]

## Konklużjoni

Hemm diskussjoni twila fost l-istudjużi dwar l-oriġini tal-idea ta' Bin il-bniedem f'rabta' mat-tlugħ u l-inżul tiegħu mis-sema. Ħafna studjużi li ġew wara Rudolf Bultmann segwew il-linja tal-argumentazzjoni tiegħu favur l-ideat Gnostiċi li jirrappreżentaw bniedem li jinżel fis-sema sabiex jifdi lill-bnedmin.[53] Imma din l-idea ġiet miċħuda minn ħafna studjużi oħra,[54] speċjalment wara l-iskoperta tad-dokumenti ta' Qumran. Ħafna studjużi llum iżommu li l-isfond tal-ideat tar-Raba' Evanġelista, inkluż dik ta' Bin il-bniedem, huma Lhud.[55] Ir-Raba' Evanġelista jidher li ħa minn dawn it-tradizzjonijiet, sabiex jippreżenta stampa ta' Rivelatur li niżel mis-sema u li ġie gglorifikat billi reġa' tela' s-sema. F'dan is-sens, l-użu tat-titlu "Bin il-bniedem" f'dan l-Evanġelju jintuża sabiex jikkoreġi l-identifikazzjoni ta' Ġesù ma' ideat tradizzjonali 'Lhud' dwar il-Messija; sabiex jinsisti fuq ir-revlazzjoni unika ta' Alla fil-persuna ta' Ġesù, speċjalment permezz tal-ġrajja tas-salib; u sabiex jippreżenta lil Ġesù permezz ta' lingwaġġ li kien familjari fl-ewwel seklu, imma b'kontenut meħud mit-tradizzjoni bikrija Nisranija.[56]

## Referenzi

1 Ara Angus J.B. Higgens, *The Son of Man in the Teaching of Jesus* (Cambridge: Cambridge University Press, 1980); Delbert Bukkett, *The Son of Man Debate: A History and Evaluation* (Cambridge: Cambridge University Press, 1999); Benjamin E. Reynolds, *The Apocalyptic Son of Man in the Gospel of John.* WUNT 249 (Tübingen: Mohr Siebeck, 2008); Larry W. Hurtado and Paul L. Owen, *Who Is This Son of Man? The Latest Scholarship on a Puzzling Expression of the Historical Jesus.* LNTS 390 (London: T&T Clark, 2011).

2 Ara per eżempju Mt 13:41; 16:27.28; 19:28; 24:27.30.37.39.44; 25:31; 26:64; Mk 8:38; 13:26; 14:62; Lq 9:26; 12:8.40; 17:24.26.30; 18:8; 21:27.36; 22:69.

3 Xi studjużi jżommu li t-titlu ta' "Bin il-bniedem" fl-Evanġelju skont San Ġwann jippreżenta varjazzjonijiet li jikkorrispondu għall-istorja tal-edizzjonijiet differenti li fihom ifforma t-test aħħari ta' dan l-Evanġelju kif nafuh illum. Ara Barnabas Lindars, "The Son of Man in the Johannine Christology," in *Christ and the Spirit in the New Testament. Studies in Honour of Charles Francis Digby Moule,* eds Barnabas Lindars and Stephen S. Smalley (Cambridge: Cambridge University Press, 1973), 43-60.

4 Ara Ġw 1:35-51.

5 Ġw 1:49.

6 Ġw 1:51.

7 John Painter, "The Enigmatic Johannine Son of Man," in *The Four Gospels,* eds Frans Van Segbroeck et al., (Leuven: Leuven University Press, 1992), 3:1870-1877, jargumenta li l-figura enigmatika ta' Bin il-bniedem f'dan l-Evanġelju għandha l-għan li tikkoreġi titli Kristoloġiċi oħra inedigwati.

8 Ara Ġen 28:12. Ara wkoll, Jerome H. Neyrey, "The Jacob Allusions in John 1,15," *Catholic Biblical Quarterly* 44 (1982): 586-605.

9 Ara Francis J. Moloney, *The Johannine Son of Man.* BSRel 14 (Rome: LAS, 21978), 26-30. Robert Rhea, *The Johannine Son of Man,* ATANT 76 (Zürich: Theologischer Verlag, 1990), 69-71, jargumenta li t-titlu ta' Bin il-bniedem fir-Raba' Evanġelju m'għandux konnotazzjoni apokalittika, filwaqt li jiġi użat fid-diskussjonijiet tal-Midrash f'rabta mal-figura tal-Messija.

10 Ara l-argumenti ta' skejjel differenti ta' ħsieb dwar dan f'Santi Grasso, *Il Vangelo di Giovanni: Commento esegetico e teologico* (Roma: Città Nuova, 2008), 102-103

11 Ara Ġw 1:41.45.49.

12 Mk 14:62.

13 Ara Rudolf Schnackenburg, *Jesus in the Gospels: A Biblical Christology* (Louisville/Kentucky: Westminster John Knox, 1995), 262.

14 Ara Ġw 5:1-9.

15 Ġw 5:26-27.

16 Għal din il-pożizzjoni ara, John Ashton, "The Johannine Son of Man: A New Proposal," *New Testament Studies* 57 (2011): 522.

17 Ara Ġw 5:25.

18 Ara Ġw 3:17a; 8:15; 12:47a.

19 Ara Ġw 3:17b.18; 12:47b.

20 Ara Ignace de la Potterrie, "Il giudizio di Gesu nel 'grande processo' tra Gesù e il mondo secondo San Giovanni," in *Atti del VII Simposio di Efeso su S. Giovanni apostolo,* ed. Luigi Padovese (Roma: Istituto Francescano di Spiritualità-Pontificio Ateneo Antoniano, 1999), 59-62.

21 Ara Ġw 9:1-41.

22 Ġw 9:35.

23 Ġw 9:36.

24 Ġw 9:37.

25 Ġw 9:38.

26 Ġw 9:39. Ara wkoll, Moloney, *The Johannine Son of Man,* 152, 156.

27 Ara Ġw 3:14; 8:28; 10:32.

28 Ara Mk 8:31; 9:31; 10:34 u par. Ix-xebħ u d-differenzi bejn l-Evanġelju skont San Ġwann u l-Evanġelji l-oħra f'dan ir-rigward, jurina li Ġesù kien jaf minn qabel dak li kellu jgħaddi minnu, filwaqt li l-isfumaturi narrattivi bejn dawn it-testi nistgħu nqisuhom bħala parti mit-teoloġija ta' kull evanġelista. Dwar dan ara, Raymond E. Brown, *The Death of the Messiah: From Gethsemane to the Grave, A Commentary on the Passion Narratives in the Four Gospels* (New York: Doubleday, 1994), 2: 1482-1489.

29 Ġw 3:14-15.

30 Dwar dan ara l-istudju ta' J. Terence Forestell, *The Word of the Cross.* Analecta Biblica 57 (Rome: Biblical Institute Press, 1974), 58-101.

31 Ġw 8:28.

32 Ara Philip B. Harner, *The 'I Am' of the Fourth Gospel* (Philadelphia: Fortress, 1970).

33 Ara Ġw 12:21.

34 Ara Ġw 12:23.

35 Ara Ġw 12:24.

36 Ara Ġw 12:31.

37 Ġw 12:33. Francis J. Moloney, "The Johannine Son of Man Revisited," in *Theology and Christology in the Fourth Gospel: Essays by the Members of the SNTS Johannine Writings Seminar.* BETL 184, eds G. Van Belle et al., (Leuven: Peeters, 2005), 187, iqisu dan il-vers bħala "footnote" tal-Evanġelista biex jispjega t-tifsira teoloġika tal-verb "terfa' 'l fuq."

38 Ġw 19:37. Dwar dan il-punt ara Maurizio Marcheselli, "E io, quando sarò innalzato da terra, attirerò tutti a me (Gv 12,32," in Maurizio Marcheselli, *Studi sul Vangelo di Giovanni. Testi, temi e commento storico.* Analecta Biblica 9 (Rome: Gregorian & Biblical Press, 2016), 59-60.

39 Ara Rudolf Bultmann, *The Gospel of John: A Commentary,* trans. Beasley Murray and George Raymond (Philadelphia/PA: The Westminster Press, 1971), 8, fejn jispjega l-moviment ta' nżul u tlugħ fil-Kristoloġija ta' dan l-Evanġelju permezz ta' ideat meħudin mill-Gnostiċiżmu, li hu kien iżomm bħala l-isfond li minnu dan l-Evanġelista kiseb xi wħud mill-ideat tiegħu dwar Ġesù.

40 Dwar dan ara l-istudju klassiku ta' Wayne A. Meeks, *The Prophet-King. Moses Traditions and the Johannine Christology* (Leiden: Brill, 1967), 16.

41 Ara Ġw 6:27.53.62.

42 Ġw 6:32.

43 Ara Ġw 6:33.51.

44 Ara Ġw 6:62.

45 Ġw 6:27.

46 Ġw 6:32. Ara wkoll 6:50.

47 Ġw 6:60.

48 Ġw 6:62.

49 Ara I. Van Der Watt, "Double Entendre in the Gospel according John," in *Theology and Christology in the Fourth Gospel,* 472-481.

50 Ġw 13:30.

51 Ġw 13:31.

52 Ara Ġw 1:5.

53 Ara John Ashton, *The Gospel of John and Christian Origins* (Minneapolis: Fortress, 2014), 157-180.

54 Ara E.M. Sidebottom, "The Ascent and Descent of the Son of Man in the Gospel of John, " *Anglican Theological Review* 39 (1957): 115-122.

55 Ara Charles H. Talbert, "The Myth of a Descending and Ascending Redeemer in Mediterranean Antiquity," *New Testament Studies* 22 (1976): 418-439; Frédéric Manns, *Three Johannine Studies* (Napoli: Chirico, 2020).

56 Dwar dan ara, Moloney, *The Johannine Son of Man,* 254.

# MALTA U L-MALTIN FIR-REĠISTRI TAL-KUSTODJA TAL-ART IMQADDSA IT-TIELET PARTI


Atti del Venerab: Discret: di Gerus:e
A di 14. Aprile 1784.
Furono per la Nazione di Germania proposti per il Discreto li RR. PP. Eliodoro Häslin, Agabio Weilandt, e Vito Lexl ed a pieni voti fu eletto il primo nominato P. Eliodoro. Dopoi furono approvati per Miss.i e così provati sono mandati in Damasco li RR. PP. Giuseppe Bustos, P. Gaetano di S. Barbara e Antonio Madrid, e così fatto secondo curato di Gerus:e il P. Eulogio Barcikowski Pro-Seg: il R.P. Eulogio, ed anche disposto di altri Religiosi della famiglia, e finalmente fu di consenso comune determinato di mandare in Costantinopoli p imparare secondo il consueto la lingua Turcha, Luigi figlio del defonto Giuseppe fu Dragomano di Terra Sta, anche per riguardo alla memoria del nomato defonto fu Pad: dell detto figlio Luigi. In uno dei passati giorni ancora fu senza formalità di adunza propria, ugualmente pensato bene che la Condotta di Portogallo arrivata nuovamente in Acri, un'ora prima venga in Gerus:e, non ostante li disturbi Nostri presenti nella scala di giaffa.
Atti del Venerab: Discret: di Gerus:e
A di 7 Maggio 1784.
Essendo stato per le consuete trimestri superiorità stato nominato p Presid: al SSmo Sepolcro il P. Giuseppe di S. Giacomo, e p Guard:o di Betteleme il P. Antonio Rodriguez, furono perciò a pieni voti eletti. In appresso fu risoluto di sottoscriversi dal Discret:o e spedirsi un Memoriale p sua Altezza Reale Gran Duca di Toscana p rapporto alle elemosine solite raccogliersi in quello stato come fu eseguito e leggesi nella Copia di detto Memoriale posta al Num:o I; dopoi fu disposto di altri Ufficii, e Religiosi e finalmente accettata la rinunzia del R.P. Romualdo di Monchie...

*Horatio Caesar Roger Vella*[1]

## Introduzzjoni

Għal darba oħra kelli x-xorti nagħmel xogħol volontarju fl-Art Imqaddsa minn Awwissu sa Settembru 2025. Minkejja li l-pajjiż jinsab fil-gwerra, xorta waħa għamilt kuraġġ u mort ngħin, fejn kont apprezzat ħafna. Kemm ili mmur hemm, kull darba tawni volum biex nittraskrivih, jiġifieri, minn kif inhu miktub u ftit jinqara, jiena kont indaħħlu fil-kompjuter fi żmien 3 ġimgħat, biex imbagħad jiġi stampat. S'issa għamilt 6 volumi, bl-indiċi u appendiċi tagħhom, li minnhom 4 huma stampati.
Dawn il-volumi jitrattaw il-minuti li kienu jittieħdu fil-laqgħat tad-Diskretorju, jew Kunsill, tal-Art Imqaddsa, fil-kunvent ta' S. Salvatur, Ġerusalemm. F'dawn il-volumi nsibu, barra mill-Atti, jew Minuti, diversi temi oħrajn, bħalma huma Ċirkularijiet, speċjalment kull meta kien jintlaħaq Kustodju ġdid. Hemm digrieti, rapporti u korrispondenza. Dawn huma miktuba ġeneralment bit-Taljan, imma wkoll bil-Latin. Il-kitba mhux dejjem tkun ċara u tinqara, tant li jien u nittajpja kien ikolli nersaq iktar qrib biex naqra xi ittra, speċjalment dawk l-ittri li jkunu fin-nofs tax-xewka tal-volum. Barra minn hekk, qisu kull kelma ma tkunx miktuba sħiħa, jiġifieri, tkun abbrevjata, u ġie li kelma waħda jkollha żewġ abbrevjazzjonijiet, u għalhekk trid l-esperjenza biex taqra dan it-tip ta' kitba. Mingħajr ma tifhem dak li jkun qed jinkiteb, ma tistax tinterpreta tajjeb dak li hemm quddiemek, u għalhekk trid konċentrazzjoni l-ħin kollu. Biex inlesti volum fi tliet ġimgħat, inkun irrid naħdem il-ħin kollu, minn filgħodu kmieni sa tard bil-lejl, għal sebat ijiem fil-ġimgħa, barra minn ħin ta' ikel, talb u rqad.

Bħalma soltu nagħmel, kull meta jkun hemm riferenza għal Malta, jien nagħmel nota tagħha, u hekk ikolli materjali biex nikteb artiklu dwar kif Malta tissemma fil-volum VI ta' dawn l-Atti Diskretorjali li jibda mill-1801 u jispiċċa fl-1815. Huwa twil 447 folji, li mlew 326 paġni fil-kompjuter. Dan ifisser li kuljum kont indaħħal 17-il paġna, jew 24 folja mill-oriġinal. Dan il-perjodu kont naħseb li kien se jkun interessanti minħabba Napuljun u t-tkabbir tal-imperu Britanniku. Fil-fatt l-Ingliżi jibdew jisemmew għall-ewwel darba f'dan il-volum, fl-Eġittu. Il-Palestina kienet għadha taħt it-Torok. Jissemmew xi Għarab u Lhud, kif ukoll Konsli Franċiżi, u l-monaċi Griegi Ortodossi u Armeni, li ma kinux f'relazzjoni tajba mal-Franġiskani peress li kien ħsiebhom jisirqu l-kontroll fuq il-Postijiet Qaddisa minn taħt idejn il-Franġiskani. Malta tissemma b'kollox 19-il darba, taħt tliet forom differenti. Ngħid qabel kollox li ma kien jinstab l-ebda Franġiskan Malti, almenu qatt ma ssemma, fl-Art Imqaddsa bejn l-1810 u l-1815, kontra dak li sibt fil-volumi ta' qabel. Allura rridu naraw kif Malta tissemma għal tant drabi, minkejja li Malta hi biss gżira ċkejkna.

Tajjeb li ngħidu li l-Patrijiet tal-Art Imqaddsa kien jistgħu jgħixu fiha bl-għajnuna biss li kienet tiġi minn barra. L-għajnuna kienet tikkonsisti f'donazzjonijiet ta' flus jew oġġetti oħra, bħal ikel u materjal ieħor, inklużi d-dekorazzjonijiet biex bihom jiżżejnu s-Santwarji, l-aktar dawk tal-Qabar ta' Kristu u Betleħem, u l-knisja ta' S. Salvatur. Dawn l-oġġetti għadna nistgħu narawhom sal-ġurnata tallum, u kien projbit, b'kundanna ta' skomunika, li dawn l-oġġetti jitneħħew jew li jissarfu bi flus. Dawn l-oġġetti kienu jinġiebu fl-Art Imqaddsa permezz ta' bastimenti li kien iqabbad il-Kummissarju li jirrappreżenta l-interessi tal-Art Imqaddsa fil-pajjiż tiegħu. Huwa kien jitla' fuq l-istess bastiment u kien ikun akkumpanjat minn fra lajk. Dawn it-tnejn kienu jissejħu "Condottieri" ("Kundutturi"), u l-ġarr u l-wasla ta' dawn l-affarijiet kien jissejjaħ "Kondotta", għax kienu jiġu miġjuba minn post għal ieħor. Mhux

dejjem kien faċli li jwasslu dan il-materjal fl-Art Imqaddsa minħabba baħar qawwi, u mhux l-ewwel darba li bastiment għereq kif ser jissemma aktar 'l isfel. Kien hemm ukoll gwerer fl-Ewropa u pirati għaddejjin u joperaw fil-Mediterran, u dan kien jagħmel dawn il-vjaġġi perikolużi, u ġieli waqfu għal żmien twil b'detriment għall-Art Imqaddsa li f'dan il-perjodu kienet waqgħet f'dejn enormi.

F'dan il-perjodu ta' bejn l-1801 u l-1815 irridu niftakru li f'Malta ma kienx għad hawn l-Ordni ta' San Ġwann, u għalhekk ma baqgħux isiru donazzjonijiet minn dak l-Ordni f'Malta. Madankollu, il-Franġiskani Maltin, li dak iż-żmien kienu Provinċja waħda ma' dik tal-Valle di Noto fi Sqallija, xorta jibagħtu jagħtu flus, iktar minn affarijiet, lejn l-Art Imqaddsa. Dan seta' jsir bil-ġenerożità tal-Maltin u bit-tħabrik tal-Franġiskani f'Malta. Insemmi biss fatt, li mir-riċerka li għamilt jien, sikwit kont niltaqa' f'postijiet oħrajn ma' testmenti li fihom donaturi kienu jħallu flus għall-Qabar ta' Kristu. Dawn kienu jingħaqdu ma' flus oħra li ta' sikwit kienu jintbagħtu lejn l-Art Imqaddsa permezz ta' dawn il-bastimenti.

## Il-Konsenji

L-ewwel konsenja ta' flus li tissemma teħodna lura sad-9 ta' Mejju 1804, meta 219 boroż *duri*, *Kolonnati* u *Dallari* tar-Reġina ntbagħtu minn Patri Serafin ta' Malta (f. 60). Dan Patri Serafin ma kienx il-Kummissarju tal-Art Imqaddsa, li minn dokument li jinsab fl-Arkivju tal-Provinċja tal-Franġiskani fil-Belt Valletta nafu li f'dan il-perjodu kien hemm żewġ Kummissarji: Patri Sebastjan Barone mill-1808 u Patri Salv Anton Vassallo mill-1813.[2] Ma jissemma l-ebda Patri Serafin ieħor f'dan l-Arkivju, ħlief għal tnejn li jissemmew tard wisq għall-perjodu tagħna. Dawn kienu Patri Serafin li jissemma fit-18 ta' Jannar 1866,[3] u Patri Serafin Marija Scerri minn Senglea, li jissemma fl-20 ta' Jannar 1892.[4]

*Pezzi Duri* kien isem ieħor għal *colonnati* u għad-*dallari della Regina*, munita ta' Spanja. L-isem ta' *pezzo duro* ġej mill-fatt li l-munita kienet tiswa skont it-toqol tagħha, u fil-fatt il-kelma *pezzo* ġejja minn *peso*. Din il-munita kienet tiżen 27 gramma, u kienet fidda 92%. Fi żmien kienet tiswa daqs Dollaru, li minn dik il-kelma ħarġet id-denominazzjoni ta' *dallaro*. Kienet tiswa wkoll daqs il-*piastra*, munita użata fl-Art Imqaddsa taħt it-Torok. Din il-*piastra* kienet ekwivalenti għal 12-il *tarì*. *Taro* kien jiswa daqs 20 gramma, waqt li gramma kienet tiswa daqs 6 *piccoli*. Fl-aħħarnett, 30 *tarì* kienu jagħmlu uqija. Il-valur ta' *piastra*, jew *pezzo duro*, jew *dallaro* jew *colonnato* kien, dejjem dak iż-żmien daqs 2 soldi tal-iSterlina. Naturalment irridu nqisu l-inflazzjoni li ħadmet għal żewġ sekli minn dak iż-żmien 'l hawn. Minħabba f'hekk ma hemmx skop li nipprova nagħti l-ekwivalenza ta' din is-somma ta' 219 *pezzi duri*, peress li dak iż-żmien kienu jiġu għal ftit inqas minn żewġ liri Sterlini. Imma dawn iż-żewġ liri Sterlini kienu jiswew mhux ftit dak iż-żmien. Peress li din il-munita ta' *pezzo duro* kellha s-simbolu li hemm fuq id-dollaru, liema simbolu huwa rappreżentat mill-*5* ta' *peso* u żewġ sinjali vertikali li kienu jissimbolizzaw iż-żewġ Kolonni ta' Erkole, fil-viċinanza ta' Spanja, kienet għalhekk tissejjaħ ukoll *dallaro* u *colonnato*. Fl-aħħarnett, tissemma wkoll id-*dallaro* tar-Reġina. L-uniċi żewġ renjanti Spanjoli li kienu nisa kienu Isabella II li ħakmet Spanja bejn l-1474 u l-1504, u Joanna li ħakmet bejn l-1504 u l-1555. Dan ifisser li dawk il-muniti msejħa għar-Reġina kienu antiki mhux ħażin meta kienu wżati saħansitra fl-1804.

Konsenja oħra waslet fl-Art Imqaddsa fid-29 ta' April 1806 minn Malta permezz ta' Patri Mikiel Anġlu. Dan ġab miegħu 1500 *Tallari*, denominazzjoni li ġejja minn *dallari* (f.B82). Dan

l-ammont kien jissupera bil-kbir l-ammont ta' qabel. L-uniku Patri Mikiel Anġlu li jissemma fl-Arkivju tal-Franġiskani huwa dak li kien minn Għawdex, u li fit-28 ta' Jannar 1882 kien ġie mċaħħad mill-Ministru Ġeneral tal-Ordni li jmur fl-Art Imqaddsa peress li kien hemm bżonnu f'Malta biex jieħu ħsieb in-novizzi.[5] Sal-4 ta' Settembru ta' dik is-sena, Patri Mikiel Anġlu kien għadu fl-Art Imqaddsa, meta dakinhar id-Diskretorju talbu jagħżel bejn li jmur Betleħem, jew il-Qabar ta' Kristu, jew lura Malta (B90). L-istess ħaġa ntalbet lilu fil-25 ta' Ottubru (B93).

It-tielet konsenja ntbagħtet proprju mill-Kummissarju li semmejna fuq, jiġifieri Patri Sebastjan Barone. Din waslet fis-16 ta' Frar 1809, u kienet tikkonsisti f'1050 *Zecchini Veneziani* (f.B163). Din il-munita kienet magħmula Venezja, kienet tad-deheb, u tiżen 3.5 grammi. Isimha ġej proprju minn *zecca*. Denominazzjoni oħra kienet *Ducato d'oro*. Dawn il-flus twasslu minn żewġ patrijiet Maltin, Patri Vinċenz u Patri Ġwann Feliċ. Dwar Patri Vinċenz nafu li fl-10 ta' Jannar 1815 kien Gwardjan tal-kunvent tal-Belt Valletta, fejn irċieva kont minn Orazju Said,[6] li għal dak il-kont, l-għada, huwa ngħata riċevuta;[7] ukoll, madwar l-1850 huwa kien ippreżentat lill-Gvernatur il-Markiż Hastings.[8] Patri Ġwann Feliċ kien kunjomu Sapiano, u fl-1817 laħaq Kummissarju tal-Art Imqaddsa.[9] Din il-konsenja ġiet sottoskritta mill-Patrijiet tad-Diskretorju fis-17 ta' April tal-1809, xahrejn wara (f.B166).

Ir-raba' konsenja minn Malta ġabuha Patri Karmelu minn Malta, u Fra Pietru, sieħbu, minn Modica, fil-25 ta' Ottubru 1810 (f.B198). Irridu niftakru li Malta kienet dak iż-żmien Provinċja waħda ma' dik ta' Val di Noto, u Modica, qrib Pozzallo, kienet tagħmel parti minnha. Magħhom kien hemm ukoll Fra Mikiel. Ġabu b'kollox 1765 *Pezzi duri*, li kienu jikkonsisti, kif inkiteb, *Pezzi duri* 1700, 45 oħra u 26 oħra. It-total, mela, jitla' għal 1771, u mhux għal 1765. Magħhom ġabu wkoll 95 *Zecchini Veneziani*. B'kollox 10752 *Piastri* u 20 *Medini*. Is-Segretarju li kiteb fuq din il-konsenja mar jagħtina wkoll il-kambju bejn dawn il-flus, kif ġej: *Pezzo duro* = 5.5 *Piastri*; *Zecchino* = 11 *Piastri*. Dan ifisser li 2 *Pezzi duri* = *Zecchino Veneziano*. Għalhekk, it-total rapportat mis-Segretarju kien dak ta' 1765 *Pezzi duri*, multiplikati b'5.5 = 9707.5 *Piastri*. Dak ta' 95 *Zecchini* multiplikati bi 11 = 1045 *Piastri*. It-total kien ta' 10752.5 *Piastri*. Ifisser ukoll li jekk 20 *Medini* kienu jagħmlu nofs *Piastra*, allura ridt 40 *Medini* biex jagħmlu *Piastra*.

Fl-Arkivju tal-Provinċja Franġiskana ma jissemmewx Patri Karmelu minn Malta, Fra Pietru minn Modica u Fra Mikiel.

Fis-17 ta' Lulju 1811, waslet il-ħames konsenja mill-istess Provinċja, eżattament minn Sirakuża permezz ta' Fra Feliċ minn Petralia. Il-Kummissarju tal-Art Imqaddsa kien Patri Duminku Marija minn Ravanusa. Malta ma tissemmiex, għalkemm kienet tagħmel parti mill-istess Provinċja. Dawn il-kundutturi ġabu fl-Art Imqaddsa 1088 *Tallari* (f.B209).

Bl-istess mod waslet din id-darba minn Malta permezz tal-imsemmi Fra Pietro minn Modica konsenja, is-sitt waħda, ta' 1200 *Tallari*, fis-7 ta' Awwissu 1812 (f.B247). Din il-konsenja ġiet iffirmata mill-membri tad-Diskretorju fit-2 ta' Settembru tal-istess sena (f.B252) u, mill-ġdid, fit-28 ta' Settembru (f.B253).

Wara li rajna kemm-il darba Malta, flimkien mal-bqija tal-Provinċja tagħha, bagħtet konsenji fl-Art Imqaddsa, issa se naraw drabi oħra fejn Malta tissemma u għaliex.

## Malta u l-Maltin imsemmija

Meta l-Art Imqaddsa ma kinetx qed tirċievi għajnuna bħas-snin ta' qabel minħabba gwerer u taqlib ta' gvernijiet bħalma ġara fi

Franza, hi ħasset il-bżonn li tibgħat ittri lill-Konsli u Ambaxxaturi f'Kostantinopli u f'postijiet oħra biex titlobhom jgħinuha. Malta sabet ruħha Kolonja tar-Renju Unit uffiċjalment fl-1814 permezz tat-trattat ta' Pariġi. Dan ifisser li, għalkemm kienet maħkuma mill-Ingliżi, wara li telqu l-Kavallieri u l-Franċiżi, fl-1798 u 1800 rispettivament, Malta suppost irritornat lejn ir-Renju ta' Napli u taż-Żewġ Sqallijiet. Dan għaliex fl-1530 Malta, minn dak ir-Renju, kienet għaddiet għall-Prinċipat tal-Kavallieri ta' San Ġwann, u għalhekk wara l-1800, Malta ħarset lura lejn il-ħakkiema oriġinali tagħha.

Forsi kien għal din ir-raġuni li fis-6 ta' Mejju 1809 il-Patrijiet li kienu jiffurmaw parti mid-Diskretorju ta' Ġerusalemm dehrilhom li Malta setgħet tgħin biex jinġabru flus u oġġetti neċessarji lejn l-Art Imqaddsa minn Sqallija. Għalhekk huma talbu lill-Patrijiet Maltin imorru Sqallija u jitkellmu għan-nom tagħhom mar-Re biex jibgħatilhom għajnuna (f.B167).

Fit-28 ta' April 1810 Malta semmiha Patri Vinċenz Marija da Osimo meta kiteb ittra lid-Diskretorju minn Lixandra fejn kien joqgħod fil-Konsulat tal-Ingilterra. Huwa talab biex jintbagħat barra mill-Art Imqaddsa fejn kien qed iservi, lejn Malta jew xi post ieħor. Din id-deċiżjoni tħalliet f'idejn il-Kustodju li dik il-ħabta kien qed jagħmel il-Viżta Kanonika fl-Eġittu (f.B191).

Fil-bżonn estrem ta' għajnuna, il-Patrijiet tad-Diskretorju bagħtu lil Fra Franġisk Muños de los Angelos b'missjoni lejn Spanja, il-Portugal u Malta, fejn kellu jiltaqa' mal-Kummissarju tal-Art Imqaddsa, li nafu li dak iż-żmien kien Patri Sebastjan Barone.[10] Id-deċiżjoni li tintbagħat din il-missjoni saret fis-16 ta' Lulju 1810 (f.B195). Din id-deċiżjoni ġiet konfermata fit-23 tal-istess xahar (f.B196).

Fra Franġisk Muños de los Angelos ma kienx biżżejjed: intbagħat ukoll Patri Girgor Curtovich, membru stess tad-Diskretorju, tant kienet urġenti l-affari. Dan kellu jżur lil tliet Kummissarjati tal-Art Imqaddsa fi Sqallija, u għalhekk wieħed jinnota li fi Sqallija kien hemm 3 Provinċji, dik ta' Palermo, dik ta' Messina u dik ta' Val di Noto, li magħha kienet tagħmel Malta. Patri Curtovich kellu wkoll jagħti ittra lill-Kummissarju ta' Malta u supplika lir-Re ta' Sqallija. Ma' Patri Curtovich kellu jmur il-Kunduttur ta' Palermo, Fra Ġwann. Id-deċiżjoni għal din il-missjoni ttieħdet fit-28 ta' Lulju 1810 (f.B196).

Il-Patrijiet tad-Diskretorju f'S. Salvatur, Ġerusalemm, irċevew ittra miktuba f'Ġerusalemm stess fit-18 ta' Settembru 1811, minn Fra Antonju tal-Kunċizzjoni ta' Sant'Anna, Ruman, u minn Fra Giuseppe tal-Kunċizzjoni Monte Alverno, mill-Provinċja tal-Portugal u joqogħdu l-Art Imqaddsa, kontra Fra Ġużepp tal-Kunċizzjoni Lamego, li kien għamel affarijiet f'Malta, Lixandra u Ġerusalemm li jmorru kontra r-rispett lejn il-Kummissarju Ġenerali u lejn il-Monarkija ta' pajjiżu (ff.B218-219).

Ittra oħra miktuba fl-istess jum intbagħtet minn Ġerusalemm minn Patri Portugiż ieħor, Fra Ġwann ta' Santa Marija Minde, Kunduttur, li lmenta li kellu jagħmel vjaġġ ma' oħrajn minn Spanja u Palermo, iżda spiċċa jivvjaġġa waħdu, u sofra nawfraġju, naturalment b'detriment għall-ġid tal-Art Imqaddsa. Huwa hawn kien qed jagħmel rikors biex din id-darba, fir-ritorn tiegħu lejn pajjiżu, ikun akkumpanjat minn Patri Antonju minn pajjiżu; li l-kundutturi l-oħra jsalpaw flimkien miegħu, imqar sa Malta, u li jkun imissu xi statwetti li kienu jissejħu *santuarii*. Dawn kienu jingħataw bħala rigali lil dawn il-Kundutturi u benefatturi oħra (ff.B219-220).

## Diskrieti minn Malta

Ma sibtx f'dan il-perjodu bejn l-1801 u l-1815 li xi

Malti kien għamel parti mid-Diskretorju tal-Kustodja f'Ġerusalemm. Madankollu ltqajt ma' wieħed Sqalli li kien jagħmel mal-istess Provinċja ta' Val di Noto u Malta, Fra Eugenio minn Ragusa. Dan kien biss Pro-Diskriet, jiġifieri, kien qed jidher flok ħaddieħor fl-assenza tiegħu. Irridu nżommu f'moħħna li dak iż-żmien l-għażla ta' dawn id-Diskrieti kienet skont in-nazzjonijiet importanti fi ħdan il-Kustodja tal-Art Imqaddsa, u dawn kienu Italja, Spanja u Franza. Malta kienet tagħmel mal-Italja. Kien importanti li jekk Diskriet minn xi pajjiż kellu jkun assenti għal dawn il-laqgħat li kienu jsiru ta' sikwit fil-kamra tal-Kustodju, jew tal-Vigarju jew tal-Prokura Ġenerali, Patri jew Fra ieħor kellu jidher għalih mill-istess pajjiż. Dan Fra Eugenio qagħad fuq dan id-Diskretorju bħala Pro-Diskriet għal 34 darba (f.B277). Huwa beda jidher mis-7 ta' Awwissu tal-1813 flok Patri Ġużepp tal-Kunċizzjoni.

## Konklużjoni

Minn dan kollu rajna li bejn l-1801 u l-1815 Malta bagħtet għajnuna lejn l-Art Imqaddsa permezz ta' bastimenti għal sitt darbiet. Dan ifisser li bħala medja Malta kienet tibgħat għajnuna kull sentejn u tliet snin. Is-sitt dati kienu dawn: 9 ta' Mejju 1804, 29 ta' April 1806, 16 ta' Frar 1809, 25 ta' Ottubru 1810, 17 ta' Lulju 1811 u 7 ta' Awwissu 1812. Wieħed hawn jinnota li l-ivvjaġġar kien isir is-sena kollha. Bejn l-1809 u l-1812 saru erba' konsenji. Ma saret l-ebda konsenja fl-ewwel tliet snin u l-ebda waħda fl-aħħar tliet snin.

Malta kienet importanti mhux biss bħala post fejn bastiment kien jieqaf fi triqtu lejn il-Portugal, imma wkoll fuq l-influwenza li kellha fuq ir-Re ta' Sqallija, li lilu kienet talbet biex jgħin l-Art Imqaddsa.

Fl-aħħarnett ma jidhirx li hemm Patri jew Fra Malti joqgħod fl-Art Imqaddsa. Jissemma biss Patri Eugenio minn Ragusa, membru tal-istess Provinċja.

## Riferenzi


Horatio Caesar Roger Vella (2026). *A catalogue of manuscripts, journals, books and other objects found at the Archives of the Province of the Franciscan Friars Minor at Valletta*. Valletta: Province of the Franciscan Friars Minor (xogħol li ġej fi tmiemu).

Horatio Caesar Roger Vella (2026). *Atti Discretoriali di Terra Santa*. Volum VI (xogħol lest għall-korrezzjoni u edizzjoni).


## Noti

1 Horatio Caesar Roger Vella hu Professur tal-Latin u l-Grieg fl-Università ta' Malta, Gran Arkivista tal-Ordni ta' San Lazzru ta' Ġerusalemm, u Kanċillier u Arkivista tal-Gran Prijorat ta' Malta fi ħdan l-istess Ordni. Għal dawn l-aħħar 10 snin huwa kien qed jikkataloga manuskritti, ġurnali u kotba li jinsabu fl-Arkivju tal-Provinċja tal-Patrijiet Franġiskani fil-Kunvent Ta' Ġieżu tal-Belt Valletta.

2 H.R.C. Vella (2026), A17246 (numru temporanju).

3 H.R.C. Vella (2026), BCJ49.

4 H.R.C. Vella (2026), BC07.

5 H.R.C. Vella (2026), BCJ75.

6 H.R.C. Vella (2026), CHE47.

7 H.R.C. Vella (2026), A10537 (numru temporanju).

8 H.R.C. Vella (2026), BCJ36.

9 H.R.C. Vella (2026), A17246 (numru temporanju).

10 H.R.C. Vella (2026), A17246 (numru temporanju).

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

# TIĠDID L-ART IMQADDSA 2026




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ______________
bħal abbonament għall-2026



# Pellegrinaġġ u Tour kulturali fl-Eġittu

## 26 TA' JANNAR SAL-4 TA' FRAR 2026

Għall-booking u dettalji, ikkuntattja lil: **KUMMISSARJAT TAL-ART IMQADDSA**

8, Triq Santa Luċija, Valletta VLT 1213 Tel: 21242254 Email:comaltart2023@gmail.com

Ħin tal-Uffiċċju: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8:30 sal-11:30